

# MADONNA TA' PINU

**MADONNA TA' PINU**

perjodiku ta' kull tlett xhur

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:

L-Editur,
"Madonna Ta' Pinu"
Ċentru Kulturali Marjan
Ta' Pinu, Għawdex.
Nru. tal-Tel.: 556187

**Abbonament għal sena**
Lokali: 60c
Sostenitur: £M1.

Barra minn Malta: £M1.
Sostenitur: £M2.

**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Biex il-qarrejja ta' din ir-Rivista jikbru fl-imħabba lejn il-Madonna.

**Gozo Press.**

SENA I — Nru. 2

**April — Ġunju 1980.**

**F'DIN IL-ĦARĠA:**

* Messaġġ mill-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta 33
* Il-Kelma tar-Rettur 34
* Tliet Ġrajjiet kbar fil-Ħajja tal-Madonna 35
* Kronaka tas-Santwarju 38
* Il-Papa Ġwanni Pawlu II u l-Madonna 44
* Tiġdid Spiritwali Marjan 46
* Miriam ta' Nazaret 48
* Festi Marjani fil-Kalendarju Liturġiku matul iż-Żmenijiet 52
* The Music goes Round and Round 54
* Canticle to Our Lady 55
* Hail Mary!!! 56
* Ir-Rabta ta' Marija Verġni ma' Binha Ġesù Kristu fid-Dawl tal-Konċilju Vatikan II 57
* Id-Devozzjoni tal-Maltin lejn il-Madonna 61
* Programm tal-Festa tad-Dehra tal-Madonna ta' Pinu 64

**STAMPA TAL-QOXRA:**

L-Istampa tal-qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna ta' Pinu kellmet lit-twajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fil-1935.

# Messagg lir-Rivista Gdida

# "MADONNA TA' PINU"



Fid-daħla ta' wieħed mill-eqdem santwarji ddedikati lill-Verġni Marija f'Malta, hemm minquxa dawn il-kelmiet: "Fik ittamaw missirijietna, fik ittamaw u inti ħlisthom." U tassew, il-Maltin u l-Għawdxin, tul il-mijiet tas-snin tal-ġrajja mqallba ta' pajjiżna, dejjem sabu f'Marija ħarsien sħiħ u ħelsien minn kull tiġrib.

Kemm hi kbira d-devozzjoni tal-Maltin u tal-Għawdxin għall-Verġni Marija, jixhduh l-għadd kbir ta' knejjes u santwarji tal-Madonna mxerrdin ma' kullimkien fil-gżejjer tagħna. Fost dawn is-santwarji, tassew għażiż għall-Maltin u l-Għawdxin hu s-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, li nbena fi żminijietna, bħala xhieda li fi żminijietna wkoll, il-Verġni Marija qiegħda żżomm taħt il-ħarsien tagħha lil "din l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha", għaliex, ftit inqas minn mitt sena ilu, fit-22 ta' Ġunju, 1883, il-Verġni Omm Alla kellmet lit-twajba Karmena Grima, u minn dak in-nhar kellha bidu l-ġrajja sabiħa ta' santwarju ġdid tal-Verġni Marija fil-gżejjer tagħna.

Minn dak iż-żmien, id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu kibret u ssaħħet, u l-Maltin u l-Għawdxin wassluha wkoll f'artijiet imbegħda, f'dawk l-artijiet fejn marru biex hemm jagħtu bidu għal ħajja ġdida — ħajja ġdida, iva, imma b'rabtiet kbar ma' art twelidhom u mad-devozzjonijiet ta' missirijiethom.

Ir-rivista "MADONNA TA' PINU" għandha l-għan li tkattar dejjem aktar id-devozzjoni tal-Maltin u l-Għawdxin lejn il-Madonna, u fl-istess ħin tgħarrafhom bl-attivitajiet kollha li jsiru fis-santwarju tagħha ta' Pinu. Ħsieb sabiħ u qaddis li ħaqqu kull tifħir! Jalla r-rivista tinxtered fost il-Maltin u l-Għawdxin kollha, mhux biss fost dawk li jgħammru f'pajjiżna, imma wkoll fost dawk li qegħdin 'il bogħod mill-gżejjer tagħna, ħalli d-devozzjoni tagħhom lejn il-Verġni Marija, Omm Alla u Ommna dejjem aktar tikber u tissaħħaħ, biex, ikunu fejn ikunu, jiġri x'jiġri, qatt ma jaslu biex jiċħdu l-wirt għażiż tal-fidi nisranija li ħallielna l-Appostlu Missierna.

† Ġużeppi Mercieca,
Arċisqof ta' Malta.

# Il-Kelma tar-Rettur

*L-Ispirtu s-Santu, f'kull żmien u f'kull pajjiż, jgħin lil Knisja tikber fil-qdusija permezz ta' persuni speċjali li jsejjaħ biex bħala għodda f'idejh, iwasslu l-messaġġ tiegħu lil bnedmin. Anke l-gżejjer Maltin, għad li żgħar fid-dimensjoni, ma ġewx minsija mill-Providenza. Matul il-medda tas-snin, diversi persuni, mimlijin żelu u mħabba lejn Alla u lejn għajrhom, nibtu f'art twelidna, li bil-ħidma u bl-eżempju għamlu tant ġid lis-soċjetà.*

*Fost dawn it-talin, bla dubju ta' xejn, tispikka t-twajba Karmni Grima. Kien propju f'Ġunju tas-sena 1883, meta l-omm tagħna Marija għoġobha ssejħilha biex tiġi titlobHa fil-kappella tagħha Ta' Pinu. Karmni aċċettat is-sejħa tal-Madonna. Karmni kienet xebba, miġbura, xebba umli, xebba onesta, xebba li bħal Madonna setgħet tgħid "Għax il-Mulej ħares lejn iċ-ċokon tiegħi". U kif iċ-ċokon ta' Marija kiber tant wara li saret omm Ġesù hekk ukoll iċ-ċokon ta' Karmni kiber meta ġriet ix-xniegħa tal-qdusija tagħha. Għaliex il-laqgħa tagħha mal-Madonna kompliet tkebbisha bl-imħabba biex aktar tgħix għal Alla u aktar ma wieħed joqrob lejn Alla aktar il-bnedmin joqorbu lejh.*

*Aħna wkoll ta' spiss nisimgħu leħen il-Madonna jidwi f' widnejna, għalkemm mhux kif semgħetu Karmni, imma permezz ta' priedki, ta' qari u tgħalim ieħor. Nitgħallmu aħna wkoll nimmeditaw dak li nisimgħu sewwa sew kif kienet tagħmel Karmni biex aħna wkoll nitgħalmu u ngħarfu r-rieda t'Alla minna u hekk inkunu nistgħu naħdmu aktar id f'id għas-salvazzjoni tagħna u ta' għajrna.*

*Huwa ċert li din ma hihiex xi ħaġa ħafifa. Imma l-anqas għal Karmni ma kienet ħaġa ħafifa bħalma ma kinitx ħaġa ħafifa għall-Madonna nfisha li tkompli r-rieda t'Alla, imma kif jgħallimna Missierna Pawlu, "Aħna nistgħu kollox meta aħna nafdaw fil-Mulej."*

**Mons. Benedett Camilleri.**

# TLIET ĠRAJJIET KBAR FIL-ĦAJJA TA' MARIJA

Minn

**MONS. GIOV. B. GAUCI, S.Th.D., J.C.L.**

Il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni dommatika dwar il-Knisja, fil-kap 8, jitkellem mill-Madonna li "il-Knisja Kattolika, imgħallma mill-Ispirtu s-Santu, bl-imħabba ta' pjetà ta' bint tivveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba". (1) U bir-raġun tivveneraha, għax kif igħid l-istess Konċilju u skond San Irinew "waqt li obdiet saret il-kawża tal-fidwa tagħha u tal-ġeneru uman kollu". (2)

Fit-Teoloġija Nisranija mhix ħaġa faċli li titkellem minn Marija bħala korredentriċi. Il-Konċilju bla ebda mod ma ried jidħol fi kwistjonijiet Teoloġiċi jew f'dawk tal-Marjoloġija li dwarhom id-diversi skejjel Kattoliċi jistgħu jżommu fehmiet mhux identiċi. L-Isqfijiet tal-Konċilju riedu jippreżentaw duttrina komuni, fundata u ċerta biex hekk jitpoġġa quddiem għajnejna l-pedament sod tal-qima li "b'imħabba speċjali" (3) il-Knisja tagħti lill-Verġni Omm Alla.

Hemm tliet episodji kbar b'konnessjoni mal-Madonna li l-Iskrittura u t-Tradizzjoni tathom importanza kbira; dawn it-tliet episodji huma msemmija wkoll fil-Kostituzzjoni "Lumen Gentium" dwar il-Knisja.

**L-ANNUNZJAZZJONI**

Sa minn żmenijiet l-aktar imbegħda, it-Tradizzjoni kompliet dak il-paragun li ssemmi l-Iskrittura. Kristu huwa Adam il-ġdid (4) u Marija hija Eva l-ġdida. (5) Dan il-paragun jaf il-bidu tiegħu lir-rakkont tal-Vanġelu dwar it-tħabbira tal-Mulej mill-Anġlu lill-Verġni ta' Nazaret meta seħħet l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla. (6)

Proprju f'dak il-mument li fih Marija aċċettat il-messaġġ t'Alla u ssottomettiet ruħha għar-rieda Tiegħu, hija tat in-natura umana lill-Iben Divin tal-Missier. Fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, aħna nosservaw żewġ ħwejjeġ: l-ewwel, ir-rieda ħanina t'Alla li tieħu l-inizjattiva tal-grazzja u tmexxiha 'l quddiem sat-tmiem tagħha; it-tieni, din l-inizjattiva t'Alla mhix xi azzjoni tar-rieda

divina li tiġi mposta fuq il-volontà tal-bniedem, f'dan il-każ fuq il-volontà tal-Madonna. Marija, għalkemm strument maħtur f'idejn Alla, tirrispondi personalment, kif Alla interpellaha personalment u stenna minn għandha t-tweġiba tal-fidi. Għalhekk, il-maternità tal-Verġni Mbierka mhix sempliċement xi ġrajja bijoloġika, iżda kif għallmu t-Teoloġi tal-qedem, Marija l-ewwel laqgħet 'l Alla fl-intellett tagħha u bil-fidi, imbagħad laqgħetu fil-ġuf tagħha.

Fl-istorja tal-Kristjaneżmu, l-għorrief tal-Knisja għamlu studji l-aktar profondi ta' din il-ġrajja ta' Nazaret fid-dar ta' Marija. Iżda mhux inqas profond huwa kliem il-Konċilju Vatikan II: "Hekk Marija, bint Adam, waqt li mejlet rasha għall-kelma t'Alla, saret omm Ġesù, u waqt li laqgħet b'ruħha kollha u mingħajr piż ta' dnub ir-rieda tal-fidwa t'Alla, ikkonsagrat lilha nnifisha kollha kemm hi bħala Qaddejja tal-Mulej, fil-persuna u għall-ħidma ta' l-Iben Tiegħu, waqt li serviet fil-ministeru tal-fidwa u taħtu u miegħu bil-grazzja t'Alla omnipotenti". (7)

**IT-TIEĠ F'KANA**

Dan is-servizz ta' konsagrazzjoni bħala qaddejja tal-Mulej fil-ministeru tal-fidwa, Marija komplietu fil-ħajja tagħha maġenb Ġesù Binha. Waqt li nħallu barra l-intimità ta' Marija fit-tfulija ta' Ġesù, nagħtu ħarsa lejn il-Verġni Omm fil-bidu tal-ministeru pubbliku ta' Kristu, fl-episodju tat-tieġ f'Kana tal-Galilija. Igħid il-Konċilju: "Imqanqla mill-ħniena, (Marija) ġabet bl-interċessjoni tagħha, li l-Messija Ġesù jagħti bidu għall-mirakli tiegħu". (8)

Fil-ħerqa tagħha ta' omm, Marija ntebħet bil-gwaj li minnu kienu se jgħaddu l-għarajjes minħabba n-nuqqas ta' nbid. U Marija tidher umana, ħanina, anzi bi ħniena li tiġi mxebbha ma' dik ta' l-Iben tagħha. Josserva San Bernard: Hi li hija ħanina u twajba, ġietha ħniena mill-inkwiet tal-għarajjes. Mill-għajn tal-ħniena, x'seta' joħroġ jekk mhux ħniena? Ma hemmx għalfejn wieħed jistagħġeb li qalb magħġuna fit-tjubija tagħti prova tat-tjubija.

Tliet kelmiet qalet Marija: "Ma għandhomx inbid" (9) però tliet kelmiet b'tifsira ta' mħabba u mogħdrija ta' omm. Tliet kelmiet li kienu biżżejjed biex jitwettaq il-miraklu. Bħalma kienet hi li kkoperat mar-rieda t'Alla għall-Inkarnazzjoni tal-Iben Etern u għall-kelmiet tagħha "ikun minni skond kelmtek" (10) mill-ġisem immakolat tagħha Ġesù Kristu ħa n-natura umana, hekk issa f'Kana, għall-Kelmiet tagħha wkoll, l-Iben tal-Missier mhux biss jidher bħala Iben tagħha iżda jagħti wkoll xhieda tad-divinità tiegħu.

**IT-TLUGĦ TAGĦHA FIS-SEMA**

L-interess li Marija wriet matul il-ħajja tagħha maġenb Binha Ġesù favur il-bnedmin, hija għadha turih minn fejn tinsab fil-glorja bir-ruħ u l-ġisem tagħha.

Il-Konċilju studja l-pożizzjoni ta' Marija fil-pjan tas-salvazzjoni. Skond it-tagħlim ta' l-Appostlu Missierna (11) sostnew l-Isqfijiet, l-uniku medjatur bejn Alla u l-Bniedem huwa Kristu Ġesù, uniku feddej ta' kulħadd, hekk li ebda kreatura oħra ma tista' qatt titpoġġa f'paragun miegħu f'dan ix-xogħol tal-fidwa. (12)



Però hija wkoll karatteristika tal-grazzja tal-Kristu Feddej li ssieħeb fl-istess ministeru tal-fidwa bnedmin oħra. Din hija verità applikabbli għal kull nisrani għaliex il-grazzja li kull wieħed jirċievi mhux biss tisfa' ta' ġid għall-individwu li jirċeviha, iżda għandha wkoll is-saħħa li sservi ta' benefiċċju għall-oħrajn. Dan, b'mod l-aktar perfett, għandu jingħad mill-grazzja tal-Verġni Marija.

Is-sehem tal-Madonna fix-xogħol tal-fidwa, bħala sieħba ta' l-Iben tagħha, huwa bbażat fuq dawn iż-żewġ fatturi: l-ewwel, ir-rabta naturali tagħha, rabta singolari ma' Kristu, flimkien mal-maternità spiritwali li għandha favur il-bnedmin minnu mifdija; it-tieni, dik l-għajnuna bla waqfien li Marija tagħti lil dawk mifdija minn Kristu. Mela f'Marija għandna l-maternità divina b'relazzjoni għall-Iben tagħha, għandna l-maternità spiritwali b'referenza għalina l-bnedmin, u għandna wkoll il-medjazzjoni tagħha favur tagħna — medjazzjoni li għadha tkompli anki wara t-tlugħ tagħha fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem.

Marija, allura, tintercedi għalina minħabba s-sħubija tagħha ma' Kristu fl-Inkarnazzjoni u fil-ħajja tiegħu fuq l-art, u għadha tintercedi għalina, flimkien miegħu, quddiem il-Missier. Din l-interċessjoni titfisser fil-preokkupazzjoni tagħha ta' omm għall-aħwa ta' l-Iben tagħha "li għadhom fit-triq u mdawrin minn perikli u tiġrib, sakemm ma jkunux imwasslin fis-saltna tas-Sema". (13) Għalhekk, kif ikompli jgħid il-Konċilju, bir-raġun "il-Verġni Mbierka hi msejħa mill-Knisja bit-titli ta' Avukata, ,Għajnuna, Awżiljatriċi u Medjatriċi". (14)

ikompli f'paġna 43

# KRONAKA TAS-SANTWARJU



**MARZU:**

**(ikompli mill-ħarġa ta' qabel)**

22. Bħal fis-snin l-imgħoddija, l-Eċċ. T. Mons. Isqof Nikol Cauchi fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp, kellu laqgħa ma' l-irġiel u l-ġuvintur Għawdxin fis-Santwarju Ta' Pinu fejn huwa qaddes għalihom.

Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lil Anthony, bin Victor Sare' u M' Anne nee' Mizzi.

23. F'dan il-jum, saru pellegrinaġġi għas-Santwarju Ta' Pinu mill-parroċċi ta' Sannat, ta' San Lawrenz, ta' Għajnsielem u mill-Kommunità ta' Marsalforn.

25. Fl-okkażjoni tal-festi ċentinarji tat-twaqqif tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani l-Eċċ. Tiegħu Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof Emeritu, qaddes għas-sorijiet fil-Bażilika Ta' Pinu.

Fis-6.45 p.m. sar Għasar u Quddiesa Kantata mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb fl-okkażjoni tal-festa tat-Tħabbira tal-Mulej.

26. Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' San Ġorġ tar-Rabat. Il-pellegrinaġġ intemm b' Konċelebrazzjoni mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ fis-Santwarju Ta' Pinu.

29. L-Eċċellenza Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa Via Crucis mis-Santwarju Ta' Pinu għal ma' l-Għolja ta' Għammar.

30. Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Kerċem. Mexxa l-pellegrinaġġ il - Kappillan Dun Franġisk Debrincat li qaddes ukoll fis-Santwarju għal dawk li ħadu sehem fil-pellegrinaġġ.

**APRIL:**

1. Numru sabiħ ta' professjonisti Maltin għamlu pellegrinaġġ għas-Santwarju Ta' Pinu fejn saritilhom quddiesa bl-omelija minn P. Alberto Quantella S.J.

2. Il-membri studenti ta' l-Azzjoni Kattolika ħadu sehem f'pellegrinaġġ penitenzjali mis-Santwarju Ta' Pinu għal fuq l-Għolja ta' Għammar fejn saritilhom quddiesa minn Dun Girgor Grech.

9. Fl-okkażjoni ta' għeluq il-25 anniversarju mill-ordinazzjoni tagħhom, il-Kan. Dun Martin Portelli, Dun Anġ. Buttigieg, Mons. Ġużeppi Farrugia Dimech, l-Arċipriet Dun Alwiġ Vella u Dun Ġużepp Vella kkonċelebraw ma' l-Eċċ. T. Mons. Isqof Nikol Cauchi fis-Santwarju Ta' Pinu.

16. Numru sabiħ ta' xjuħ u morda ħadu sehem fil-quddiesa li

saret apposta għalihom mill-Azzjoni Kattolika fis-Santwarju Ta' Pinu. Qaddes u għamel l-omelija l-Ass. Ekk. Djoċesan Dun Ġorġ Vella.

18. Fit-8.00 p.m., iż-żgħażagħ taċ-Ċentru Parrokkjali tal-Għarb iltaqgħu fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu fejn għamlu laqgħa ta' talb. Iż-żgħażagħ ippartecipaw b'mod attiv f'din il-laqgħa ta' talb kommunitarju.

26. Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni ma' numru ta' saċerdoti promutari tal-Moviment ta' l-Apostolat tat-Talb u fl-omelija tiegħu huwa fisser lill-fidili preżenti l-importanza u l-qawwa tat-talb bħala għajnuna fil-ħidma apostolika.

MEJJU:

1. Fl-okkażjoni tal-bidu tax-xahar ta' Mejju, Dun Karm Borg qaddes għas-Sorijiet Karmelitani fis-Santwarju Ta' Pinu. Għal din il-quddiesa kienet ukoll preżenti Suor Filomena Cucco, Madre Generale tal-Kongregazzjoni.

2. Fid-9.15 a.m., fis-Santwarju ta' Pinu saret quddiesa għall-Ispigolatriċi minn Dun Beniamino Schivo. Sar talb lill - Madonna għall-Aspiranti u għall-vokazzjonijiet.

3. Il-Fergħa Ewkaristika, bħas-soltu, fl-ewwel Sibt tax-xahar għamlet siegħa Adorazzjoni u quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Numru sabiħ ta' nies minn diversi parroċċi t'Għawdex ħa sehem.

4. Fl-okkażjoni ta' għeluq il-25 sena mit-twaqqif tal-Moviment Azzjoni Soċjali, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa konċelebrazzjoni ma' numru ta' saċerdoti li jaħdmu f'dan il-moviment. Sar talb ta' radd il-ħajr lil Alla għall-ġid li wettaq dan il-Moviment matul l-aħħar 25 sena. Kanta l-Kor tal-Knisja ta' San Franġisk tar-Rabat. Wara sar riċeviment fis-sala taċ-Ċentru Kulturali Marjan ta' Pinu.

7. **Bidu ta' l-Erbgħat tal-Madonna.** Il-programm tal-funzjonijiet f'dan il-jum kien hekk: l-ewwel quddiesa kienet fil-5.00 a.m. Fis-6.00 a.m. saret Quddiesa Kantata mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb u wara bdiet l-Adorazzjoni Solenni li tkompliet matul il-jum kollu. Kellna quddiesa letta fit-8.30 a.m. u oħra bl-omelija dwar il-Madonna fil-5.30 p.m. Fis-6.15 p.m. saret quddiesa oħra letta u oħra fit-8.00 p.m. Wara l-quddiesa tat-8.00 p.m. saret purċissjoni 'Aux Flambeaux' madwar iz-zuntier tas-Santwarju u ġie reċitat ir-Rużarju. Il-Funzjonijiet ta' dan il-jum intemmu b'Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

10. Fl-4.00 p.m. sar pellegrinaġġ għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu mis-Sorijiet Franġiskani. Qaddes u għamel l-omelija dwar "Il-Madonna Omm u Mudell tal-Ordnijiet Reliġjużi", il-Kan. Dun Ġużepp Gauci.

13. Fl-okkażjoni ta' għeluq it-tielet anniversarju tal-ordinazzjoni tagħhom, Dun Alwiġ Bezzina, Dun Ġorġ Grima, Dun Ġużepp Galea u Dun Karm Borg ikkonċelebraw flimkien ma' Dun Mikiel Attard, Delegat ta' l-Isqof għas-saċerdoti żgħażagħ, fil-Bażilika ta' Pinu. Sar talb ta' radd il-ħajr lil Alla għall-ġid u l-grazzji li Huwa għogbu jxerred fuqhom u fuq il-Knisja matul dawn it-tliet snin tal-ministeru saċerdotali tagħhom.

15. Fil-5.00 p.m. saret quddiesa bl - omelija minn Dun Karm Borg dwar: "Il-Messaġġ tal-Madonna fid-Dehriet Tagħha". Wara, il-Pia Unione Madonna ta' Pinu għamlet pellegrinaġġ Penitenzjali mis-Santwarju ta' Pinu għal fuq il-Muntanja ta' Għammar. Matul it-triq saret il-Via Sagra u ġie reċitat ir-Rużarju. Numru sabiħ ta' nies minn diversi parroċċi ta' Għawdex ħa sehem f'dan il-Pellegrinaġġ Penitenzjali.

17. Saret quddiesa għall-Ispigolatrici della Chiesa fis-Santwarju ta' Pinu. Qaddes Dun Karm Hili.
28. Sar pellegrinaġġ mis-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù għas-Santwarju ta' Pinu fejn saret quddiesa ta' ringrazzjament mill-Kan. Dun Anton Mejlaq.

30. Fi tmiem ix-xahar ta' Mejju, is-Seminaristi għamlu pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu fejn imbagħad saritilhom quddiesa mill-Prefett Dun Mikiel Mintoff.

Waħda mill-attivitajiet fil-programm ta' Qawmien Spiritwali Marjan li qed jitwettaq bħalissa fid-Djoċesi tagħna kienet il-Quddiesa li Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi qaddes illum għall-irġiel Għawdxin fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Numru sabiħ ta' rġiel ħa sehem f'din il-Quddiesa.

**ĠUNJU:**

1. Fil-11.30 a.m., fis-Santwarju ta' Pinu saret quddiesa għall-Kongregazzjoni ta' l-Onorati mill-W. R. Mons. Lawrence Zammit Gabarretta.

Fil-5.00 p.m. saret quddiesa bl-omelija minn Fr. Albert Said S.J., missjunarju fl-Indja.

7. Peress li llum jaħbat l-ewwel Sibt tax-xahar, il-Fergħa Ewkaristika għamlet quddiesa u siegħa adorazzjoni fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Bħas-soltu, numru sabiħ ta' nies minn diversi parroċċi t'Għawdex ħa sehem f'din il-laqgħa ta' talb.

8. Fl-4.00 p.m. Dun Salv Muscat mexxa Ċelebrazzjoni Marjana li fiha saret il-preżentazzjoni tat-trabi lill-Madonna.

## QASSISIN BARRANIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU

P. Alberto Quartello; Fr. Francis Debrincat; Can. Salv Camilleri; P. Gabriel Micallef, O.F.M.; Fr. Anthony Ciangura; Fr. Manwel Caruana; Fr. Nicolas Remigio Galea, O.F.M.; Fr. Anton Mompalao, O.F.M. Cap.; Fr. Anthony Dimech, O.F.M. Cap.; Rev. Francis Abuah Quansah; Can. Martin Portelli; Fr. Anton Sciberras; Fr. Michael Attard; Fr. Giorgio Vella; Fr. Manwel Cutajar; Rev. Joseph Zerafa; P. Mario Martines O.S.A.; P. Juan Tasto O.S.A.; Fr. Brian S. Lowey O.S.A.; Arch. Luigi Vella; Can. Gius. Farrugia Dimech; Fr. Angelo Buttigieg; Mons. Gregorio Vella; Fr. Conrad Sciberras, M.S.S.P.; Fr. Dionysius Attard; Fr. Jos. Briffa Brincati; D. Beniamino Schivo; Fr. Anthony Caruana.

Fr. Publius Cassar, O.F.M. Cap.; Fr. Joe Gauci; Fr. Anton Dimech; Fr. George Grima; Can. Nikol Vella Apap; Fr. Rużar Borg; Can. Ġwann Bartolo; Can. M'Angelo Xerri; Arċ. Mikiel Portelli; Can. Gius. Tabone; Fr. Giov. Gauci; Fr. Joe Galea; Fr. John Mizzi; Can. Anton Mejlaq; Can. Salv Muscat; Can. Pantaleone Orland; Fr. Bernard Mangion; Fr. Michael Mintoff; Fr. Girgor Grech; Fr. Anthony Caruana; Mons. Lorenzo Zammit; Fr. A. Said, S.J., Fr. Cachia; Fr. Joseph M. Camilleri; Fr. Michael Galea; P. Stiefnu Scicluna, O.S.A.; Can. Joe Mejlaq; P. Philip Said; P. Bernard Gafà; Fr. Joseph Mifsud; Fr. Martinian Cutajar O.S.A.; Fr. Philip Gatt.

Fr. V. Magro; Fr. Carmel Farrugia; P. Ġorġ Grima; Fr. Michael Galea; Fr. Mariano Zammit; Fr. Salv Tabone; Fr. Ignace Tigga; Fr. Anthony F.X. Troici; Fr. Manwel Cutajar; Can. Bernard Portelli; Fr. Albert Curmi; Can. Salv Pace; Mons. Giovanni Frendo; Mons. Francesco Borg; Can. Benjamin Attard; Can. M'Angelo Xerri; Arċ. Eucaristico Sultana; Fr. S. Camilleri; Can. Gius. Farrugia Vella; Fr. Ġorġ Vella; Arċ. Luigi Vella; Mons. M'Angelo Apap; P. Bernard Debrincat, O.F.M.; Rev. S. Sultana; Can. Emm. Hili; Mons. Gregorio Vella; Fr. Joachim Mercieca, O.P.M., Cap.; Fr. Joseph Farrugia; P. Kelment Abela; Fr. Spiridione Galea, O.F.M., Cap.; Fr. Carmel Camilleri; Fr. Anthony Saliba; Fr. Joseph Camilleri.

# GRAZZI MADONNA . . . . GHAX SMAJTNI ! ! !

**GĦAWDEX:**

Rita Portelli; John Spiteri; Rose Cefai; Carmen Gatt; Tona Bajada; Joseph Cini; Laurence Caruana; John Sultana; Rita Attard; Rita Muscat; Joseph Muscat; Martin Camilleri; Vicky Axiaq; Anne Apap; Rita Azzopardi; Felix Buttigieg; Louise Borg; Angela Vella; Ian Xuereb; Lorry Grima; Toni Pace; Maria Galea; Sylvia Grech; Margaret Micallef; Rose Azzopardi; Loretu Custo'; Joe Grech; Peter Muscat; Ġuża Galea; Nazzareno Pace; Lucia Gauci; Ġanni Spiteri; Salvina Saliba; Anthony Grech; Lawrence Spiteri; M'Ġwann Apap; Doreen Camilleri; Anthony Grech; Grezzju Sultana; Nanette Grima; Ġanni Grech; Tarċisja Saliba; Rita Buttigieg; Sunta Attard; Anġla Cauchi.

Rose Sultana; Anna Sultana; Silvia Saliba; Rose Sultana; Sonia Bajada; Charlie Muscat; Joanne Buttigieg; Mario Tabone; Maria Sultana; Peter Sultana; Doris Tabone; Sammy Mejlaq; Tereża Debrincat; Maria Sciberras; Ġuża Vella; Joe Sultana; S. Portelli; Clement Cauchi; Domnic Saliba; Salvina Camilleri; Carmel Theuma; Mrs. Gatt; Mary Attard; Grace Sultana; Francis Cassar; Joseph Xerri; M'Rose Said; Koronata Grima; Rose Buttigieg; Pawlu Sultana; Ġorġina Vella; Rita Mercieca; Carmela Cini; Betty Portelli; Carmela Caruana; Eugenia Portelli; Ġorġina Vella; Ġużeppa Gauci; Ġużeppa Sillato; Salvu Theuma.

Mary Farrugia; Le Spigolatrici; N. Spiteri; Franġiska Buttigieg; Rafiel Buttigieg; Michael Camilleri; Maria Muscat; Maria Attard; Jimmy Muscat; Lina Rapa; Mary Azzopardi; Angelina Muscat; Maria Debono; Assunta Cremona; Felicia Muscat; Koronatu Portelli; Emma Hili; Rose Attard; Loretu Curmi; Maria Portelli; Maria Attard; Annunziata Caruana; Rita Debrincat; Eugenia Attard; Toni Pace; Doris Mercieca; Margerita Farrugia; Ġużeppa Bigeni; Ġuża Cassar; Nazzarenu Sultana; Teresa Mercieca; Rose Cardona; Josephine Curmi; Ġużeppa Debrincat; Paul Buttigieg; Manwel Refalo; Assunta Farrugia; Maria Said; Antonia Portelli; Christine Curmi; Anġlu Said; Jane Refalo; Josephine Cauchi; Paul Cassar.

Ġużepp Vella; Doris Sultana; Ġużeppa Sultana; Toni Spiteri; Eugenio Sacco; Raymond Buttigieg; Frans Grima; Carmela Saliba; Doris Attard; Christine Attard; Lawrence Caruana; Helen Agius; Mary Violet Vella; Rita Said; Nazzarena Azzopardi; Maria Gatt; Ġanna Bajada; Loreto Sultana; Clara Grima; Tereża Vella; Rose Vella; Pawla Grima; Kelina Sacco; Francis Attard; Ġorġ Mercieca; Maria Apap; Maria Portelli; Salvina Ballucci; Ġuża Curmi; Nancy Buttigieg; Maria Sammut; Victoria Mercieca; Ġużepp Curmi; Pauline Sammut; Margerita Muscat; Ġużeppa Grima; Toni Mercieca; Victor Theuma; Joseph Attard; Carmen Falzon; Kelina Xerri; Lonza Azzopardi; Rose Formosa; Caroline Gatt; Karmenu Azzopardi; Rita Azzopardi; Paul Cauchi; John Grech.

Pawla Grech; Karmena Attard; Ġolina Hili; M'Ġwann Hili; Lucy u Peter Falzon; John Xerri; Joseph Mizzi; Can. M'Angelo Xerri; Maria Buttigieg; Pawla Vella; Mary Caruana; Victor Gauci; Emanuel Bajada; Marinton Bajada; Tonia Curmi; Victoria Cassar; Mr. & Mrs. Cini; Assunta Portelli; Mary Said; John Gauci; Nazzarena Cassar; Frankie Agius; Joseph Agius; Carmel Attard; Maria Xerri; Maria Agius; Sunta Xerri; M'Rose Xerri; Frank Grech; Giovanni Cassar; Felicia Grech; Coronata Pace; Consiglia Muscat; Maria Muscat; G. Zammit; Carmelo Rotin; Mary Vella; Frank Bajada; Maria Cefai; Rose Grima; Carmela Debrincat; Joanne Portelli; Joe Caruana; Maria Saliba; Ġorġa Attard; Kristino Muscat; Carmela Camilleri; Sunta Xuereb; Ġużeppa Grima; Ġorġina Vella; J. Grima; J. Cassar; M. Xerri; Toni Sacco; Joe Camilleri; Nina Bonello; Reġina Theuma; Saver Galea; Margaret Galea; Ġuża Curmi; Maria Galea; Maria Axiaq; Joanne Buttigieg; Salvu Bonello; Martin Xuereb; Carmelo Bonello; Żarena Portelli; Grezzja Caruana; Toni Pace; Ġużeppa Cassar; Mikiel Said; Marija Sultana; Ġorġina Vella; Ġużeppa Theuma; Ġużepp Buttigieg; Paul Muscat; Carmen Vella; Antonia Apap; Lonza Agius; Dun Ġorġ

Vella; Ġużepp Agius; George Mercieca; Ġanni Saliba; Dionisja Cordina; Ġanni Buttigieg; Salvina Azzopardi.

George Bezzina; Lucy Bugeja; Sonja Azzopardi; Salvu Apap; Consiglia Muscat; Rita Formosa; Frenċ Attard; Paul Grima; Giovanna Bezzina; John Sultana; Frances Said; Mary Grech; Francesca Portelli; Louis Debrincat; Eucharist Buttigieg; Julian Muscat; Ġorġ Borg; Marisa Cassar; Pauline Grech; Karmenu Portelli; Franġiska Debono; Rita Formosa; Rose Attard; Carmela Sultana; John Zammit; Paul Spiteri; Paul Zammit; Ġuża Attard; Charlie Attard; Salvu Pace; Toni Muscat; Joseph Attard; Maria Grech; M'Antonia Vella; Tonina Mangion; Maria Galea; Ġużepp Bartolo; Salvina Micallef; Lawrence Piscopo; Coronata Sultana; Antonia Refalo; Roża Refalo; Frances Curmi; Ġorġina Vella; Vanġela Bajada; Kurċifissa Mercieca; M'Anne Vella; Salvu Sultana; Maria Portelli; Victoria Azzopardi; Joe Spiteri; Tarċisja Portelli; Ġużeppa Buttigieg; Rita Cini; Francis Muscat.

Ġuża Cauchi; Ġakkino Cauchi; Doris Sultana; Victoria Zammit; Ġużepp Mifsud; Salvina Attard; Grezzju Vella; Mario Portelli; Dolora Grima; Toni Sultana; Pawlina Portelli; Lorenza Vella; Maria Portelli; Emanuel Cauchi; Louis Vassallo; Mary Bartolo; Ġużeppa Attard; Angolina Theuma; Maria Camilleri; Peter Paul Mercieca; J. Debono; Ġużeppa Attard; Salvu Cassar; Manweli Sciberras; Ġina Sciberras; M'Assunta Grech; Dolora Curmi; Ġorġina Vella; Mary Grace Zammit; Phyllis Bonnici; Antonia Muscat; Leli Stellini; Salvu Attard; Nazzarenu Camilleri; Mary Formosa; Margerita Portelli; Girgor Grech; K. Saliba; Ġużeppa Galea; Eugenio Sacco; Antonietta Grima; C. Borg; M. Cauchi; Ġorġ Grech; Maria Sultana; Christine Buttigieg.

**MALTA:**

Vincent Debono; Ġużeppa Bajada; Maria Vella; Josephine Vella; Rita Fenech; Maria Galea; Carmen Attard; Tony Bajada; Emilia Aquilina; Frans Xerri; Mary Camilleri; Charlie Bugeja; Carmen Bugeja; Joe Micallef; Carmelo Vella; Nazzarenu Curmi; Josette Grixti; Karmnu Xerri; Lonza Farrugia; Margaret Ellul; Paul Grech; Antonia Grech; Jane Grech; Carmelo Portelli; Carmen Deguara; Anna Mallia; Maria Dimech; Stella Tonna; Mary Buhagiar; Richard Cutajar; Karmenu Azzopardi; Farrugia G; Ethel Farrugia; Helen Attard; Alfred Vella; Ant. Mallia; M. Aquilina; Lucia Sultana; Paul Buhagiar; Lucy Bugeja; Mary Bugeja; Manuela Sammut; Manwel Vassallo; Mrs. Farrugia; Victor Mifsud; Vincent Ellul; Alfred Ellul; Victor Chetcuti; Angela Scicluna; Helen Schembri; L. Rizzo; Ester Aquilina; Rita Cachia; Doris Vella; Maria Chircop; Charlie Magro; Doris Farrugia; Carmela Azzopardi; Lucia Fucile; Miriam Fenech; Raymond Cilia; Mikelina Mifsud; Vincent Hili; Francis Dimech; Ninu Cauchi; Cathrine Mangion; L. Caruana; V. Galea; Elizabeth Galea.

**AWSTRALJA:**

Frank Camilleri; Rita Borg; Maria Zammit; Giovanna Cassar; Mary Grima; Victoria Attard; Mary Mifsud; Pawla Sultana; Helen Agius; Saveria Sultana; Joe Refalo; Josephine Saliba; C. Ellul; Ġiġa Grech; Miss Tabone; C. Borg; Frances Grech; Żarena Gatt; Ninu Apap; Salvu Apap; Rita Deguara; Teresa Galea; Doris Chetcuti; Jane Galea; Salvu Mercieca; Vicky Theuma; Family Cardona; Christine Galea; Tarcisia Vella; Ġorġina Zammit; Mary Saliba.

**U.S.A.**

Carmela Borg; Mary Camilleri; Grace Camilleri; Joe Tabone; Rosaria Tabone.

## PREŻENTAZZJONIJIET TA' TRABI LILL-MADONNA TA' PINU

Ġużepp Attard — Xagħra; Noel Spiteri — Xewkija; Daniela Formosa — Għarb; Sharen Cachia — Toronto, Canada; Maria Bugeja — Mosta; Johnatan Pierre Camilleri — Nadur; Denise Gatt — Balzan; Ċettina Cassar — Xagħra; Roanna Xerri — Valletta; James Grech — Ħamrun; Prescilla Grima — Gżira; Frank-Anthony Said — Victoria; Eva Mallia — St. Venera; Doreen Buhagiar — Żebbuġ, Malta;

Johnatan Bonello — Mosta; Charleen Micallef — Mġarr, Għawdex; Stephen Muscat — Ħamrun; David Vella — Victoria; Emma Formosa — Xagħra; Kate Vella Muscat — Victoria; Nicholas Zammit — Żebbuġ, Għawdex; Mariella Xuereb — Victoria; Laura Maria Boffa — S. Ġwann; Noel Mercieca — Victoria; Noel Cutajar — Nadur; Carmen Bajada — Nadur; Neville Porter — Marsa; Antoine Cremona — Victoria; Melino Sultana — Għarb; Antoinette Xerri — Nadur; Helga Grech — Kerċem.

## ŻWIĠIJIET

Lily Mifsud minn Għajnsielem u John Vella mix-Xewkija; Rose Grima minn San Lawrenz u Alfred Zerafa minn Għajnsielem; Frances Agius mill-Għarb u Żakkarija Attard mix-Xewkija; Maria Parnis mill-Munxar u Pupull Azzopardi mix-Xewkija; Natalina Formosa mill-Għarb u John Muscat minn Sannat; M'Anne Buttigieg mill-Qala u Luigi Mintoff mill-Għasri; Jane Camilleri min-Nadur u John Azzopardi mix-Xewkija; Victoria Borg mix-Xagħra u Mario Bartolo min-Nadur; Ray Grima mix-Xewkija u Joan Caruana mill-Għarb; Josephine Gauci minn Kerċem u Nazzareno Debono minn Għajnsielem.

---

Jaqbad minn paġna 37

Marija ġiet imsieħba ma' Kristu fit-twettiq tal-fidwa: hija ko-redentriċi u dan bl-ebda mod ma jċekken il-ħidma għal kollox speċjali u unika ta' Kristu Redentur ta' kulħadd. Marija wkoll kienet teħtieġ il-fidwa mingħand Ġesù. Hekk ukoll il-medjazzjoni tagħha, wara li ġiet imtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem, xejn ma tnaqqas mill-uffiċċju ta' medjatur li Ġesù għandu quddiem il-Missier. Ġesù meta kien fid-dinja kien jinqeda bl-umanità tiegħu biex jopera l-mirakli u jagħti l-grazzji; fil-Knisja tiegħu huwa jinqeda bis-Sagramenti għat-tqassim tal-grazzja tiegħu. X'jista' qatt jimpedixxi lill-Iben t'Alla li jinqeda wkoll b'Marija — strument l-aktar fidil t'Alla — biex lilna jqassam il-grazzji frott il-fidwa li Hu ġabilna?

**RIFERENZI:**


1. Lumen Gentium, 53.
2. Lumen Gentium, 56.
3. Sacrosanctum Concilium, 103.
4. Rum. 5. 12-19; I Kor. 15. 22.
5. Justin. Tryph., 100; Tertul. De Carn. Christ., 17; Iren. Adv. Haer., III, 22, 34; Ciril. Hieros. Cat. XII, 21 ad Eustoch.
6. Luqa 1. 26-38.
7. Lumen Gentium, loc. cit.
8. Lumen Gentium, 58.
9. Ġwanni 2. 3.
10. Luqa 1. 38.
11. I Tim. 2. 5-6.
12. Lumen Gentium, 60, 62.
13. Lumen Gentium, 62.
14. Lumen Gentium, loc. cit.

# IL-PAPA GWANNI PAWLU II U L-MADONNA



Minn **DUN KARM BORG**

**Jekk aħna nagħtu ħarsa ħafifa lejn id-dokumenti marjani tal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-ewwel sena tal-Pontifikat tiegħu (mis-16 ta' Ottubru 1978 sal-21 ta' Ottubru 1979), ikun faċli għalina naraw kif il-Papa preżenti inserixxa l-Madonna fit-tagħlim u fil-ministeru pastorali kollu tiegħu filwaqt li żamm koerenza sħiħa mat-tagħlim dwar il-Madonna mogħti mill-Konċilju Vatikan II. Kif għamel il-Konċilju Vatikan II (Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium" n. 52-69) il-Papa Ġwanni Pawlu II, fit-tagħlim tiegħu, dejjem idaħħal lill-Madonna fil-misteru ta' Kristu u tal-Knisja.**

Meta deher għall-ewwel darba fil-loġġa tal-Bażilika ta' San Pietru, kif spiċċa l-Konklavi li minnu ħareġ Papa, Ġwanni Pawlu II qal hekk: *"Ħassejtni nibża' naċċetta din in-nomina, imma dan għamiltu fi spirtu ta' ubbidjenza lejn Ġesù Kristu u b' fiduċja sħiħa f'Ommu Marija Santissima. U hekku li jiena nippreżenta ruħi lilkom, biex nistqarru l-fidi komuni tagħna, it-tama tagħna, il-fiduċja tagħna fl-Omm ta' Kristu u tal-Knisja."*

Fid-diskors famuż tal-inawgurazzjoni tal-Pontifikat tiegħu, nhar il-Ħadd 22 ta' Ottubru 1978, il-Papa heġġeġ lil kulħadd b'dawn il-kelmiet: *"Kabbru dejjem aktar fikom id-devozzjoni lejn l-Omm tagħna Marija Santissima".*

Fid-29 ta' Ottubru, filgħaxija, il-Papa għamel l-ewwel vjaġġ tiegħu barra minn Ruma. Huwa mar jgħamel żjara lill-Madonna fis-Santuario della Mentorella fejn huwa kien diġa mar kemm il-darba bħala Kardinal.

Fit-8 ta' Diċembru 1978, wara li għamel att ta' qima lill-Immakulata fil-Pjazza di Spagna, il-Papa Ġwanni Pawlu ħa pussess tal-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore: hawn il-Papa poġġa l-Pontifikat tiegħu taħt il-protezzjoni materna ta' Maria.

Fis-27 ta' Jannar 1979, il-Papa beda l-vjaġġ tiegħu fil-Messiku. Hawn, fid-diversi diskorsi li għamel lil diversi kategoriji tal-insara, fosthom anke lis-saċerdoti u lir-reliġjużi rġiel u nisa filwaqt li fissrilhom il-messaġġ nisrani ma naqasx li f'kull okkażjoni jdaħħal dik in-nota ta' katekeżi marjana li fil-fehma tiegħu tifforma parti mportanti mill-messaġġ nisrani. *"Ma nistgħux inkunu nsara* - qal darba l-Papa Pawlu VI fis-Santwarju ta' Bonaria f'Sardegna - *mingħajr ma nkunu Marjani."*

Fid-diskors tal-Angelus tal-25 ta' Marzu 1979, il-Papa ħabbar il-Pellegrinaġġ tiegħu għall-Polonja u hawn ukoll Huwa mar jagħmel att ta' fiduċja fil-Madonna: *"Jiena nafda dan is-servizz papali f'pajjiżi lil Dik li fl-Annunzjazzjoni qalet: Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej".*

Fl-ewwel ta' Mejju il-Papa fetaħ ix-xahar tal-Madonna bil-pellegrinaġġ li huwa għamel għas-Santwarju tal-Madonna del Divino Amore, fil-periferija ta' Ruma.

Il-pellegrinaġġ storiku (2-10 ta' Ġunju) ta' l-ewwel Papa Pollakk lejn pajjiżu, il-Madonna ta' Jasna Gora, kien għal Ġwanni Pawlu II okkażjoni l-aktar kbira biex jagħti xhieda tad-devozzjoni tiegħu lejn il-Madonna u biex ikabbar din id-devozzjoni fost ħutu l-Pollakki.

Fis-26 ta' Awissu l-Papa żar il-post fejn twieled il-Papa Luciani. Hawn huwa bierek ir-"Regina delle Dolmiti" u ġedded il-Konsagrazzjoni tal-Italja lil Madonna.

Meta wasal fis-Santwarju ta' Loreto, fit-8 ta' Settembru 1979, il-Papa fisser l-intenzjoni tal-pellegrinaġġ tiegħu għal dak is-Santwarju tal-Madonna lill-awtoritajiet li tawh merħba, b'dawn il-kelmiet: *"Ġejt Loreto bħala pellegrin umli, biex inqim u nitlob lill-Verġni Santissima f wieħed mill-aktar Santwarji Marjani magħrufa tal-Italja. It-talba tiegħi — eku tat-talb ta' tant bnedmin mimlija fidi, speċjalment tal-foqra, ta' dawk li qed ibatu, taż-żgħar — titla' b'tama qawwija lejn l-Omm ta' Alla..."*

Fl-Irlanda u fl-Istati Uniti, fi vjaġġ ta' ftit jiem, il-Papa Ġwanni Pawlu II għamel 71 diskors li fi 30 minnhom, il-Madonna kienet kważi dejjem l-argument prinċipali.



Fit-30 ta' Settembru, 1979, il-pellegrinaġġ marjan tal-Papa laħaq il-quċċata tiegħu fis-Santwarju ta' Knock, fejn f'Omelija ispirata, huwa ppreżenta lill-Madonna fl-Evanġelizzazzjoni ta' l-Irlanda.

Meta wasal fl-Istati Uniti, filwaqt li huwa kompla x-xogħol tiegħu ta' evanġelizzazzjoni, ma naqasx li jagħti post xieraq lill-Madonna sew fl-eżortazzjonijiet tiegħu lill-kategoriji diversi ta' fidili kif ukoll lill-Ġerarkija.

U fit-tmiem ta' l-ewwel sena tal-Pontifikat tiegħu, il-Papa Ġwanni Pawlu II, fil-21 ta' Ottubru, 1979, għamel pellegrinaġġ marjan iċħor għas-Santwarju ta' Pompei. B'dan il-pellegrinaġġ, il-Papa temm l-ewwel sena tal-Pontifikat tiegħu f'riġlejn il-Madonna tar-Rużarju f'att ta' radd il-ħajr għall-għajnuna li Huwa rċieva minn għandha matul l-ewwel sena bħala Ragħaj tal-Knisja Kattolika.

## Pastorali tal-Isqfijiet Maltin dwar:

# TIGDID SPIRITWALI MARJAN

Nixtiequ kieku nafu nħeġġukom biex ilkoll flimkien nirringrazzjaw kif jixraq lil Alla għall-imħabba bla qies tiegħu lejna. Għalih aħna wliedu u għalina Huwa Missierna.

Filwaqt li tana kollox meta bagħtilna lil Ibnu l-Waħdieni, Alla għoġbu wkoll jagħtina lil Marija. Alla taħielna u f'qalbna tefa' ġibda kbira lejha biex aħna nħossu dak li Huwa ried li Marija tkun għalina: Omm il-bnedmin kollha, Omm il-Knisja.

Din il-ġibda hija r-rabta li kull wieħed u waħda minna għandu ma' Marija u li għaqqdet dejjem lilna l-Maltin u l-Għawdxin f'qalb waħda wara Marija.

Din l-imħabba tagħna ma waqfet qatt fostna: u n-numru sabiħ ta' żgħażagħ u kbar li ilhom jitolbuna biex isir talb, tagħlim u ħidma ħalli tissaħħaħ il-qima lejn Marija f'pajjiżna juri kemm aħna l-Maltin u l-Għawdxin inħobbu lill-Madonna.

Nafu għalhekk, kemm intom ferħanin issa li tafu li ħa nagħtu bidu għal tħejjija xierqa biex aħna jkollna dan it-tiġdid spiritwali Marjan, li, kif naqblu lkoll, għandu jibda fi ħdan il-familja biex jilħaq, imbagħad, lilna lkoll.

Iż-żmien sejjer ikun mit-8 ta' Mejju sat-8 ta' Diċembru, il-Festa tal-Immakulata. Il-għan tagħna huwa li nersqu iktar lejn Ġesù permezz ta' Marija. Irridu għalhekk, matul dawn ix-xhur, inżidu fit-talb, fit-tagħrif dwar Marija fil-Misteru ta' Kristu u tal-Knisja, u fi prattiki ta' qima Marjani fosthom ir-Rużarju fil-familja. Dan nagħmluh mhux biss biex nitħeġġu nkantaw, nagħmlu pellegrinaġġi u manifestazzjonijiet esterni: dawn huma tajbin, iżda sakemm ma nirridikuhomx għal tqanqila sentimentali li tgħaddi u tispiċċa; dawn huma tajbin u meħtieġa meta nużawhom bħala għajnuna biex ngħixu aħjar il-qima li għandu jkollna lejn il-Madonna. Il-qima Marjana tridha l-Knisja; hija għandha l-egħruq tagħha fil-Kelma Rivelata u hija mibnija fuq bażi qawwija ta' fidi. Dan it-tiġdid spiritwali Marjan irid li aħna l-Maltin u l-Għawdxin nitgħallmu minn Marija nfasslu u ntellgħu l-familji tagħna kif irid Ġesù, li Huwa t-Triq Ewlenija li twassalna għand il-Missier.

Ġesù Kristu huwa l-aqwa eżempju li fuqu rridu nfasslu l-imġieba tagħna. Jeħtieġ ikollna ruħ Kristu biex kif igħidilna San Pawl, ngħixu mhux iktar aħna, imma jgħix fina Kristu. Iżda fost dawk li jixbhu lil Kristu, insibu qabel kulħadd, lil Marija, li mimlija bil-grazzja, hija l-Omm ta' l-Iben ta' Alla, Bint l-aktar maħbuba tal-Missier u l-Għamara ta' l-Ispirtu s-Santu. Dan hu rigal ta' grazzja speċjali, ta' ħbiberija speċjali ma' Alla li jerfa' lil Marija fuq kull ħlejqa oħra, kemm tas-sema kif ukoll ta' l-art.

Marija hija mżejna b'kobor waħdieni: hija Omm il-Mulej li, magħquda dejjem mar-rieda tal-Missier, ħadet sehem fil-ħinijiet l-iktar importanti fil-ġrajja tal-Fidwa mwettqa minn Binha Ġesù. Iżda Marija

hija wkoll il-mudell ta' l-umiltà: għalkemm imtelgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, Marija hija l-iktar qrib lejna: Ġesù tahielna biex tkun Ommna, u ried li tkun mara mir-razza tagħna, bint tassew Eva u tassew oħtna, dejjem ħanina magħna, uliedha li jitolbuha kif ukoll ma' dawk li ma jagħtux każ li huma wliedha.

Dan il-kobor fiċ-ċokon ta' Marija jmexxina u jressaq il-bniedem lejn Marija; aħna l-Maltin u l-Għawdxin, mirqumin warajha, induru dejjem lejn Marija b'tama ta' wlied u nitolbuha tismagħna b'ħerqa ta' omm. Nafu li Marija tħobbna; Malta ma tiftakar qatt li daret fuq Marija; talbet l-għajnuna tagħna u baqgħet imfixkla u minsija.

Din l-imħabba ta' Marija lejna li għaddewlna missirijietna u aħna bosta drabi ġarrabna, tagħtina kuraġġ induru llum mill-ġdid lejn Marija u nitolbuha tħares il-familja tagħna Maltija li għaddejja minn żminijiet koroh.

Ma rridux ngħidu li l-familji tagħna tfarrku; inroddu ħajr lil Alla tan-numru sabiħ ta' familji Maltin li għadhom jistgħu jitqiesu bħala "Knisja tad-dar", iżda jiddispjaċina ngħidu li l-familji li qabdu triq ħażina qegħdin ukoll jiżdiedu. Xi wħud jersqu għaż-żwieġ mingħajr it-tħejjija meħtieġa biex jieqfu l-mentalità materjalista u lajċista li hija mrewwħa sewwa fostna; hemm min ifittex il-flus u l-lussu qabel il-kenn tal-familja; ma jonqsux dawk li jħarsu lejn il-Liġi ta' Alla u tal-Knisja bħala xkiel filwaqt li jsellmu kull permissività bl-isem ta' ħelsien u libertà. Il-kuxjenza ta' dawn għandha x'tgħidilhom fuq l-edukazzjoni ta' wliedhom?

Din il-mewġa ta' dnub u ħażen, madankollu, ma tasalx li tħassar il-familja Maltija li hija familja kattolika jekk inħarsu lejn Marija biex nimxu fuq l-eżempju tagħha fil-ħajja tagħna. L-għożża u l-imħabba ta' Marija lejn Ġesù qabel u wara t-twelid tfakkarna fid-dmir li nirrispettaw u nħarsu d-dinjità tal-bniedem sa mill-bidu nett tat-tnissil tiegħu għall-ħajja. Għandna wkoll naraw li wliedna tingħatalhom edukazzjoni tal-moħħ u tal-qalb kif jixraq lil ulied Alla. Dan id-dmir, li ġej minn Alla, jaqa' l-ewwel fuq il-ġenituri.

Il-qawwa u s-safa ta' l-imħabba ta' Marija, għarusa u omm, tqawwi fil-miżżewġin il-qima lejn Alla li għandhom jixhdu fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom, fil-fedeltà lejn xulxin imseddqa bir-rabta tas-Sagrament taż-żwieġ.

Il-virtujiet li jsebbħu lil Ommna Marija jistgħu jżejjnu lill-familji tagħna jekk bħal Marija, il-familji tagħna jgħixu ħajja ta' fidi, ta' mħabba u ta' għaqda sħiħa ma' Kristu. Dan jista' jseħħ meta l-familji, minkejja kull tfixkil u diffikultà, jagħmlu ħilithom biex isibu l-ħin jitolbu flimkien.

Nirrikkmandaw għalhekk, fuq kollox, it-talb. J'Alla din it-tħejjija għall-qawmien spiritwali Marjan tħalli fostna l-frott mixtieq li kull familja Maltija u Għawdxija tkun dejjem lesta, bħal qaddejja fit-tieġ ta' Kana, li fuq il-kliem ta' Marija, tagħmel b'fidi qawwija dak li jgħidilha Ġesù.

Maħruġa llum, 29 ta' April, 1980, tifkira ta' S. Katarina ta' Siena.

† Ġ. Mercieca,
Arċisqof ta' Malta.

† Nikol Cauchi,
Isqof ta' Għawdex.

# MIRIAM TA' NAZARET

Minn **DUN LAWRENZ SCIBERRAS**



Ftit ġimgħat ilu, ġie fuqi r-rettur tas-Santwarju ta' Pinu, Mons. Benedett Camilleri, fejn qalli li fi ħsiebu joħroġ it-tieni numru tar-rivista "Il-Madonna ta' Pinu". Naturalment ir-rettur talabni sabiex, dejjem jekk inhu possibbli, jiena wkoll nagħti s-sehem tiegħi għal dan il-perjodiku. Domt ħafna ntella' u nniżżel x'kont ser nikteb, dejjem f'dak li għandu x'jaqsam mal-Madonna. Sa fl-aħħar, iddeċidejt u dritt il-ħsieb tiegħi tar lejn Nazaret, il-belt tal-Galilija.

F'din il-kitba, għalhekk, ser nipprova niddeskrivi l-kultura ta' Nazaret fiż-żmien li kienet tgħix fih Miriam, ix-xebba magħżula mill-Providenza sabiex tkompli l-istorja tas-salvazzjoni. U mbagħad, nagħtu ħarsa lejn x'ġara matul il-medda taż-żmien u hawnhekk, grazzi għax-xogħol siewi tal-arkeoloġiku, naraw x'riżultati ħarġu, riżultati li madwarhom hemm mibnija u msaħħa biċċa mit-twemmin tagħna l-insara.

## L-ISEM NAZARET

Nazaret elfejn sena ilu. Iżda din ma hijiex kwistjoni ta' snin, wisq aktar minn hekk hija problema ta' mentalità u kultura. U biex forsi wieħed jirnexxilu jifhem xi ftit x'kien Nazaret, fejn qalb it-toroq dojoq u mtarrba kien hemm tgħix xebba ġà mgħarrsa ma' raġel jismu Josef, u li din ix-xebba kelliha ssir omm Ġesù, hemm bżonn li wieħed jistudja l-kultura ta' Nazaret.

Fl-Antik Testment kollu qatt ma naqraw l-isem ta' din il-belt; u difatti l-ewwel darba li Nazaret hija msemmija huwa fil-Vanġelu Mqaddes. Ukoll l-istess Lhud, fi żmien Ġesù, kellhom kliem ta' disprezz għal Nazaret. "Tista' toħroġ xi ħaġa tajba minn Nazaret?" (Ġw 1:45)

Il-kelma Nazaret, li bil-Għarbi hija En-Nasra, fil-waqt li bil-Lhudi Nasrat ġejja mit-tliet konsonanti **n s r** li jfissru kemm "warda" kif ukoll "għassies". U ż-żewġ kelmiet joqogħdu tajjeb; ta' l-ewwel "warda" għar-raġuni li l-art ta' Nazaret hija għammiela ħafna; tat-tieni "għassies" għaliex billi Nazaret hija mibnija fuq għolja, minn hemm wieħed jista' faċilment jindokra l-pjanura kbira u fertili ta' Esdralon. Tant hija fertili din l-art ta' madwar Nazaret, li proverbju rabbiniku jgħid: "aktar faċli li titma' eżerċtu sħiħ



fil-Galilija milli tgħajjex tifel fil-bqija tal-pajjiż kollu".

## IN-NIES TA' NAZARET

Il-lum, li l-kultura kibret u tbiddlet tant, ma hijiex ħaġa faċli ħafna li wieħed jimmaġina kif u fejn kienu jgħixu n-nies fi żmien Ġesù. Iżda grazzi għax-xogħol kbir tal-arkeoloġija, min imur Nazaret jista' jara d-djar taħt l-art li fihom kienu jgħixu dawn in-nies sempliċi. Dawn id-djar huma mxerrdin max-xaqliba tal-għolja li fuqha kienet mibnija l-belt tagħhom. Il-vanġelu jgħid ċar li Nazaret kienet "mibnija fuq l-irdum ta' għolja". (Lq 4:29) It-toroq dojoq, jew aħjar sqaqien, kienu jagħtu għall-imsemmi bini.

Ejjew, bil-fantasija tagħna, nippruvaw nidħlu f'waħda minn dawn id-djar, jew forsi aħjar "għarix"; u tinħasad għaliex l-ewwel issib ruħek f'daqsxejn ta' bitħa żgħira mdawra. Ġo din il-bitħa ġeneralment inti tilmaħ xi tiġieġ, xi ħmar u ngħaġ marbutin, il-bir meta possibbli, il-ġebliet tat-tħin, il-forn għall-ħobż kif ukoll xi għodod tar-raba'; dawn huma xi mgħażqa, il-madmad u l-moħriet, li toħroġ il-għaġeb huwa preċiż bħal dak tal-injam tal-bdiewa sempliċi tagħna.

## ID-DJAR TA' NAZARET

Wara mbagħad li jirnexxilek tgħaddi minn daħla żgħira ħafna, inti ssib ruħek ġo daqsxejn ta' kmajra, li l-uniku raġġ ta' dawl ikun ġej jew mill-bieb stess inkella minn ġo xi rewwieħa. Fil-għorfa ma tarax pultruni u siġġijiet, iżda tapiti, xi ħasira u mħaded. Fl-istess ħin din il-għorfa sservi ta' kamra tal-ikel, tal-irqad u fejn il-mara tgħaddi l-ġurnata tagħha tagħżel is-suf.

F'xi wieħed mill-ħitan ta' ġewwa tilmaħ daqsxejn ta' toqba — rewwieħa — u din isservi sabiex l-oġġetti tal-ikel magħmulin mill-fuħħar ipoġġuhom hemm. Mal-platti, il-borom u xi taġen, ikun hemm ukoll l-efa sabiex biha jkejjlu ż-żieragħ tagħhom, kif ukoll l-imnara sabiex fil-għaxija ddawwal il-għorfa.

Trid toqgħod attent ukoll għaliex fl-art tibda tara jew xquq kif ukoll xi toqba ġmielha. Dawn għandhom diversi skopijiet tagħhom. Jistgħu jservu bħala maxtura, inkella fejn ikissru u jitħnu l-qamħ u x-xgħir. It-toqob iservu wkoll sabiex

fihom ipoġġu l-ġarar tal-fuħħar ta' diversi daqsijiet mimlijin żejt, żebbuġ, żibda, ġbejniet, żbib u nbid. U wkoll il-ħofra mdaqqsa l-oħra sservi ta' silo jew il-post fejn jiġi maħżun il-qamħ biex iservi ta' ikel għal matul is-sena.

## MIRIAM — OMM ALLA

Dawn in-nies sempliċi ta' Nazaret ma kenux intebħu li f'nofshom, f'waħda minn dawn id-dwejriet, kien seħħ il-miraklu. Qalb is-sqaqien dojoq u mgħawġa li kienu jserpu qalb ir-raħal, kienet timxi wkoll Miriam, l-għarusa ta' Josef, u li f'ġufha kienet qiegħda ġġorr dak li kien tagħha u ta' Alla. Minn dak innhar il-quddiem, Nazaret daħlet, għalkemm bil-moħbi, fl-istorja taddinja, storja li sakemm iddum wieqfa l-istess dinja, ma titħassar qatt. Bir-raġun kollu, mela, li f'riġlejn l-artal żgħir li qiegħed fil-grotta, fqira iva iżda kbira, tal-Annunzazzjoni hemm minquxin fl-irħam dawn il-kelmiet bil-latin: "Verbum Caro HIC Factum Est"; "l-Iben ta' Alla HAWN Sar Bniedem".

Kont inkun twil ħafna u forsi wkoll xi ftit tqil kieku kelli nagħmel studju eseġetiku tat-"tħabbira tattwelid ta' Ġesù Kristu". Naf ukoll li dan ix-xogħol utli għamluh nies oħrajn wisq aktar kompetenti filmaterja. Iżda jidhirli li l-kitba tiegħi kienet tkun fqira ħafna jekk inħalli barra r-riżultati li l-arkeoloġija kristjana f'dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena tatna; riżultati li jkomplu jikkonfermaw u jsaħħu listoriċità tal-vanġelu f'dan l-aspett.

## IL-KNISJA TA' ŻMIEN IL-KRUĊJATI

Mafkar qaddis li xehed fejn kienet id-dar ta' Miriam meta din dehrilha l-arkanġlu Gabriel, hija l-knisja ta' żmien il-Kruċjati. Dan għalhekk ifisser li ninsabu fis-seklu XII wara Kristu. Kien tempju l-aktar majestuż, l-aktar meta wieħed jiftakar fiż-żmien li matulu sar il-bini ta' l-imsemmi tempju. Difatti, kif wieħed għadu jista' jara mill-istess pedamenti, il-knisja kienet twila 75 metru u wiesa' 30 metru. (Baldi Donato, "Guida di Terra Santa" pg 222)

Il-paviment ta' din il-knisja qadima u li kien tal-mużajk l-aktar fin, kien fih diversi disinni sbieħ, fost l-oħrajn ħut, ward u disinni ġeometriċi oħra. Ma' dawn ta' min isemmi l-famużi kapitelli li huma tassew kapulavur ta' żmien il-kruċjati. Il-lum dawn il-kapitelli qegħdin fil-Museum Tal-"Istadium Biblicum Franciscanum" ġo Ġerusalem. (Compagnoni Pia "Terra Santa" pg 27).

Punt ieħor ta' siwi kbir u li għalih il-Kruċjati jimmeritaw l-għola tifħir huwa proprju dan. Meta dawn bnew l-imsemmija knisja, il-grotta ta' l-Annunzazzjoni ma ħattewhiex, anzi ħellewha fl-istat oriġinali tagħha. Hekk allura llum wieħed għadu jista' jmur jaraha.

## IL-KNISJA TA' ŻMIEN IL-BIŻANTINI

Fis-sena 1950, xterdet l-aħbar li kienet ser tinbena knisja ġdida, knisja li tixraq lil dak il-post qaddis. U għalhekk l-arkeologu franġiskan, il-patri Bellarmino Bagatti beda jieħu ħsieb tal-iskavi. U l-ħidma tiegħu dritt ħalliet riżultati pożittivi. Difatti, taħt il-paviment tal-knisja tal-Kruċjati, dehru għaddawl il-paviment u l-ħitan ta' xi bini ieħor aktar qadim. Din allura kienet il-knisja ta' żmien il-Bizantini, jiġifieri tat-tielet u r-raba' seklu. (Bagatti B. "The Church from the Circumcision" pg 124).

Mal-ġenb tal-istess knisja u dejjem fuq l-istess livell, dehru wkoll il-pedamenti ta' kunvent. Iżda filwaqt li fil-paviment tal-knisja Bi-

zantina, kien hemm ċrieki kbar u ġo nofshom slaleb sbieħ ħafna; fil-paviment tal-istess kunvent kien hemm l-istess ċrieki iżda ma kien hemm l-ebda salib ġo nofshom.

It-tweġiba għal din id-differenza fil-paviment hija din. Fis-sena 427 Theodosju II kien ħareġ amar fejn ipprojbixxa li fl-art isiru xi sinjali ta' xi salib. Dan għamlu naturalment dejjem minħabba l-qima lejn is-Salib Imqaddes. Allura meta Theodosju ħareġ din il-liġi, il-paviment tal-knisja ta' Nazaret kien diġà lest, fil-waqt li dak tal-kunvent ma kienx u allura saru ċ-ċrieki iva iżda le s-slaleb. Immela l-insara tat-tielet u r-raba' seklu diġà kienu jqimu dak l-imkien bħala post qaddis. Din immela kienet dik il-knisja żgħira li dwarha l-anonimu ta' Piacenza fis-sena 570 kiteb: "Domus Mariae basilica est". (Liber Annuus, V, 5-44).

## IL-KNISJA TAL-LHUD-INSARA

L-arkeologu qatt ma għandu jkun sodisfatt sa l-aħħar qabel ma jirnexxilu jasal biex jilħaq il-għan tiegħu. Hekk ukoll ġara fil-każ ta' Nazaret. Il-patri Bagatti, fiduċjuż, qatagħha li jaqla' wkoll il-paviment ta' żmien il-Biżantini, sabiex ikun jista' jkompli jħaffer sal-blat. Iżda dak li qatt ħadd ma ħaseb, dan isir verità. Induna l-arkeologu Bagatti li taħt il-paviment tal-Bizantini, kien hemm materjal li qabel żgur li kien serva f'xi mkien sagru ieħor.

U meta ġie eżaminat il-ġebel, li biċċa kien għadu sħiħ u biċċa mkisser għal-laqx, il-konklużjoni saret li hawnhekk instab imkien qaddis tat-tieni u l-bidu tat-tielet seklu, dan immela jfisser imkien ta' qabel żmien Kostantinu. Dan kien l-ewwel post ġo Nazaret li serva ta' Sinagoga-Knisja għal-Lhud-Insara; il-post tradizzjonali ta' fejn Marija kienet tgħix meta l-messaġġier divin — Gabriel ħabbrilha li kienet sabet grazzja kbira quddiem Alla.

## XE MAPIA

Marija Santissima, dan ix-xogħol ta' tfittix żgur li riditu, riditu sabiex turina li wkoll ix-xjenza kapaċi tasal biex tikkonferma ċerti veritajiet tal-fidi tagħna. Meta dak it-terrapien li kien jimla l-imkien qaddis ġie mneħħi, komplew dehru xi sinjali, din id-darba però grafiti u skrizzjonijiet li komplew saħħu darb'oħra għal dejjem it-teżi tagħna. Dehru kitbiet bil-lhudi aramajk, grieg, sirjak u latin. Dan allura kompla jixhed li s-sinagoga-knisja kienet iċ-ċentru tal-ewlenin lhud-insara hemm ġo Nazaret. (Compagnoni Pia, "Terra Santa" pg 30).

Kien għad fadal però għaġeb ieħor, xhud li għal bosta sekli kien midfun, mirdum taħt il-ġebel kiesaħ. Dan ix-xhud huma ż-żewġt kelmiet bil-grieg XE MAPIA, SLIEM MARIJA. Din hija t-tislima li l-arkanġlu Gabriel mar jagħti lil Miriam, proprju hemm f'dak il-post għażiż u qaddis. Din l-iskrizzjoni, u li jien kelli x-xorti li naraha, ġiet imnaqqxa fil-parti t'isfel ta' kolonna. U allura kif jikkonkludi l-professur Testa Emm: "un pellegrino, lettore del Vangelo di Luca nel secolo II-III venerò il luogo santo della Madre di Dio e recitato mentalmente il saluto angelico, si senti' spinto a graffirlo sulla base di una colonna". "Ċertu pellegrin tat-II-III seklu, u li kien qara l-vanġelu ta' Luqa, ta qima lil dan l-imkien qaddis ta' Omm Alla; u fil-waqt li rreċita bl-amment it-tislima tal-anġlu, ħassu mqanqal sabiex jonqoxha fil-bażi ta' kolonna". Immela ma għandu jifdal l-ebda dubju dwar fejn kienet tgħix Miriam ta' Nazaret meta ħabbrilha Gabriel.

## KONKLUŻJONI

Il-misteru tal-Fidwa tagħna nbeda proprju fl-imwarrba Nazaret. Iżda Alla ma jħarisx lejn l-uċuħ, anzi xi darba jmur jagħżel dak li l-

ikompli f'paġna 63

# FESTI MARJANI FIL-KALENDARJU LITURGIKU MATUL IZ-ZMENIJIET (2)

MILL-KAN. PREP. DUN SALV CAMILLERI

**25 TA' MARZU: IT-THABBIRA TAL-MULEJ**

Dis-solennità ħadet isimha mit-tħabbira hienja li ġab mis-sema Gabriel lill-Verġni Marija. Dil-festa, kif jaħsbu diversi kittieba, bdiet mill-Papa Gelasio I fil-ħames seklu wara Kristu. Fil-bidu kienet tissejjaħ: "It-Tħabbira tal-Anġlu lill-Beata Marija Verġni", u anki "It-Tħabbira tal-Mulej" kif reġgħet bdiet tissejjaħ wara l-Konċilju Vatikan II. Mis-7 seklu 'l quddiem kienet iċċelebrata kemm fil-Lvant u kemm fil-Punent b'solennità kbira. Id-duttur tal-Knisja, Santu Wistin, jimxi wara tradizzjoni qadima u jistqarr (Lib. IV de Trinit. c. 5) li l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni twettaq fil-25 ta' Marzu u l-għaref qassis Tertulljanu (Advers. Judaeos c. 8) igħid li dan l-istess jum kien l-ewwel jum tal-Ażżmi u fih is-sinagoga kollha ta' l-ulied ta' Israel qatlet lil Ġesù.

**Xi Tagħrif dwar din il-Festa:**

(a) Fil-Knisja tal-Lvant infirxet qabel dik tal-Punent. Skond il-ktieb tal-Kronaki ta' Lixandra, l-Imperatur Erakliju f'jum it-tħabbira tal-Mulej fil-25 ta' Marzu, 624, ħareġ għall-gwerra kontra l-Persjani. Fil-Konċilju Trulanu tas-sena 692 issaħħet id-drawwa ta' dil-festa li kienet issa diġà qadima. Il-kanoni 52 igħid: "Fil-jiem kollha tas-sawm matul ir-Randan, barra fis-Sibtijiet u l-Ħdud u Jum it-Tħabbira tal-Mulej, il-liturġija tiġi dejjem iċċelebrata bil-ħobż li jkun diġà ikkonsagrat". Fost is-Sirjani, il-festa tal-Lunzjata kienet tant stmata li "f'kull ġurnata li taħbat, tiġi ċċelebrata mill-Knisja, anki jekk taħbat nhar il-Ġimgħa, jum il-Mewt ta' Kristu, il-liturġija tiġi ċċelebrata wkoll" (Nilles 11, 101, nota 2). Fis-seklu 8, Sant'Andrija minn Kreta, fil-kitba tiegħu jfaħħar ukoll dan il-misteru tal-Verġni Mqaddsa li bl-umiltà tagħha kollha, ir-nexxielha tiġbed fil-ġuf tagħHa lill-Iben ta' Alla bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Infaħħru mal-Anġlu Gabriel aħna wkoll lil Marija u ngħidu: Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek, minnek ġiet is-saħħa, Kristu Alla tagħna li ħa n-natura ta' bniedem biex jeħodna lejn is-sema. Itlob biex niksbu s-saħħa ta' rwieħna. (P.G. 92, 1392).

(b) Fil-Knisja tal-Punent, insibu ħjiel tagħha fid-digrieti tal-Konċilju ta' Toledo fis-sena 656 u juri li kien hemm xi knejjes li kienu jiċċelebraw il-festa tat-Tħabbira tal-Madonna mill-anġlu fil-25 ta' Marzu u dal-Konċilju jgħid: Dil-festa ma tkunx tista' tiġi ċċelebrata kif jixraq għax xi drabi taħbat fir-Randan u drabi oħra fil-festi tal-Għid u li fihom ma jixraqx li jiġu ċċelebrati solennita-

jiet ta' qaddisin (Mansi 10, 33). Fil-Kalendarju Mozarabicum għall-25 ta' Marzu għandu din il-kitba: Bidu tar-Rebbiegħa u l-ewwel jum tad-dinja li fih il-Mulej tnissel u bata. (MELV. 458). F'Ruma, dil-festa xxandret fi żmien il-Papa Serġju (687-701) li kien daħħal dil-festa fost dawk li, meta kienu jkunu ċċelebrati, issir ukoll il-proċessjoni. F'xi bnadi kellha wkoll l-ottava wara li daħlet fil-Knisja Latina kollha mis-seklu 8 'il quddiem. Din baqgħet sal-1911, l-iktar ġewwa Venezja u fit-territorju tagħha u f'xi ordnijiet. Il-Papa Ljun XIII, fis-27 ta' Mejju, 1895, għolla dil-festa għar-rit ta' prima klassi għax minn żminijiet l-iktar qodma kienet iċċelebrata mill-Knisja Latina u mill-Knisja Griega bl-istess solennità billi l-misterju tal-Inkarnazzjoni tal-Mulej hu mistqarr bħala pedament ta' l-oħrajn mil-Liturġija: jekk ma tkunx tista' ssir fil-25 ta' Marzu, billi tkun solennità, tiġi trasferita għat-Tnejn wara l-ottava tal-Għid. Fil-quddiesa għall-kelmiet tal-Credo: "u l-Iben t'Alla sar bniedem", is-saċerdot jinżel għarkubbejh, fil-quddies kantat bit-tnejn, fil-quddies mhux kantat b'irkobba waħda.

**Ismijiet ta' din il-Festa:**

Barra l-ismijiet li diġà semmejna fil-bidu, dil-festa kellha ismijiet oħra bħal ma huma: (i) Inkarnazzjoni tal-Mulej; (ii) It-Tnissil ta' Kristu; (iii) Il-Bidu tal-Fidwa; (iv) Tislima lil Marija Verġni. Din il-festa tfakkar li l-Iben t'Alla sar bniedem b'mod tal-għaġeb bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Dan jingħad fil-Vanġelu tal-ġurnata (Luqa kap 1) meta l-anġlu jgħid lil Marija: "L-Ispirtu Santu jiġi fuqek u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek u għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ bin Alla". Tfakkar ukoll fil-profezija ta' Iżaija li qal li xebba tnissel u jkollha iben bħalma nsibu fl-ewwel qari ta' din il-festa. Hija wkoll innu ta' tifħir lil Marija bħala Omm t'Alla kif jingħad fit-tieni responsorju tal-Uffiċċju tal-Qari ta' din is-Solennità li jgħid: "Ilqa' l-Kelma, Verġni Marija, li ġiet lilek mibgħuta mill-Mulej Alla permezz tal-anġlu Gabriel u nissel lil Alla u bniedem biex tissejjaħ hienja fost in-nisa kollha". Meta Marija saret Omm Alla kisbet dinjità kbira u tistedinna nifirħu magħha għax biha ksibna ħajja ġdida u qawwa kontra l-għedewwa kollha tagħna. Kif tgħid l-antifona tat-tieni Għasar ta' din il-festa: L-anġlu Gabriel sellem lil Marija u qalilha: "Sliem għalik mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa" u jfakkarna fit-talba sabiħa li aħna ta' kuljum insellmu biha lil din l-Omm maħbuba tagħna, biex minn għandha naqilgħu kull għajnuna u kull barka tul ħajjitna. It-talba "l-Anġlu ta' Alla" (Angelus Domini) tfakkarna kuljum f'din il-festa. Il-Papa Urbanu II, fis-sena 1095, ried li kuljum jindaqqu l-qniepen fil-għodu, f'nofs in-nhar u fil-għaxija u tingħad dit-tislima lil Marija Santissima. Il-ħsieb tal-Papa kien biex ifakkar lill-fidili jfaħħru u jroddu ħajr lil Alla għall-ġid kbir li ta lid-dinja bil-misteru tal-Inkarnazzjoni.

Għal min igħid l-Angelus matul is-sena u minn nhar il-Għid il-Kbir sa Għid il-Ħamsin "Regina Coeli" hemm indulġenza parzjali (Ench. Indulg. n. 9). Għall-festa tal-Lunzjata, min kien jinvista s-Santwarju ta' Pinu lejlet u nhar il-festa kien jista' jirbaħ Indulġenza Plenarja applikabbli għall-erwieħ tal-Purgatorju. Din kienet mogħtija mill-Papa Ljun XIII.

# THE MUSIC GOES ROUND AND ROUND

Several years ago, there was a popular song on everyone's lips. The title of the song was, "The music goes round and round". It may seem somewhat of a paradox, but the Rosary is in a way similar to this song, and then again in many other ways it is altogether different.

The Rosary is similar to this song in that it is a song that fills the heart with music that goes round and round. The Rosary is a song of humility, and a song of love. The Rosary is a song of life, of death and even of resurrection. It is a song of sorrow and at the same time a song of joy and glory.

The Rosary differs from this song, for the Rosary is not a popular song which fades away after its time. The Rosary is a classic, is a classic because it is always repeating itself, and yet it is always new.

To recall the song once again, we remember that the music goes round and round only if one valve is pushed down and another valve is opened. The same holds true of the Rosary. But instead of two valves which have to be regulated as in the piece of music, in the Rosary there are two wills that have to be regulated. In singing the Rosary we have to put down our own will so that Christ's will is opened. We wonder how this can be done. Only by imitating the spirit of humility which was in the heart of her to whom the song of the Rosary is sung. With Mary directing the Rosary, its music will go round and round. Today, tomorrow, and forever.

PRAY THE ROSARY

PRAY EVERY DAY . . . . . THE ROSARY WAY

MAKE EVERY DAY ROSARY DAY.

# CANTICLE TO OUR LADY

Hail to thee, Mary, full of grace!
The Lord is with thee! In thy place
Beside the King of kings I see
Thee lifted up in majesty
Yet clothed in sweet humility.

Mirror of Justice! Morning Star!
Tower of Ivory! Afar
We know thy beauty, veiled and dim,
Blurred by the clouds of seraphim
Mounting, in splendour, up to Him

Whom thou didst bear a little Child
Who stretched His arms to us, and smiled.
Queen of Angels! Mystical Rose!
O Gate of Heaven never close
Before our prayers that seek repose

In thee! O Mother Undefiled
Who knelt beside that little Child
Laid in a manger filled with hay —
Incline, as then, to Him and pray
For us in Paradise today!

Vessel of Honour! House of Gold!
Refuge of sinners manifold!
As we respond "Thy will be done"
In adoration of thy Son,
O Mother, gently, one by one.

Wilt thou present our hearts to Him
In view of saint and seraphim?
Lo! The angelic hosts prostrate
Before the Throne thy words await
Blind with the glory of thy state!

O Flower of our fallen race —
Remember us before God's face!
Scatter our prayers like petals where
We pass into His presence there
Along the angel-guarded stair!

**Mary Dixon Thayer.**



# HAIL MARY!!

Mary is no mere assistant. She is a co-operator and a partner. She shares in the Kingdom just the same as she shared in the Lord's sufferings for the human race.

**St. Albert the Great.**

**It can be taken as certain that it was Joseph who performed the ritual ceremony of the Circumcision. He did it most probably in the presence of his holy spouse who held in her arms her beloved Son. She offered to the Eternal Father for the Salvation of the world the first-flowing of the precious blood of Him who one day in her joint capacity as Mother of the Redeemer and Mother of all the Redeemed, she would offer on the Cross.**

**Lepicier.**

*Mary, possessing all the powers of human nature, superior and inferior, had also the inclinations and passions which go naturally with them. But in her, as in Adam before the Fall, and as in Jesus, they existed to lead her to quest food, drink, sleep, tranquillity, the necessities of life, and to avoid whatever was harmful to her nature. The passions in her were (as they should be in us and for the same reason that God has given them to us) natural forces, stimulants to good, aids to the will in the accomplishment of duty. Their action in her was entirely subordinate to deliberation and reason.*

**Roschini.**

Even to those Protestants who still believe in the dogma of Nicnea, Mary is simply and solely the woman to whom the Redeemer owes his human existence, consequently she can be compared only with the earth, of which the first man was formed; she is to Protestants in no way at all the new Eve beside the new Adam.

**Scheeben.**

# IR-RABTA TA' MARIJA VERĠNI MA' BINHA ĠESU' KRISTU FID-DAWL TAL-KONĊILJU VATIKAN II

(Minn P. BONAVENTURA M. CAMILLERI, O.F.M. CONV.)

**Il-Konċilju Vatikan II għandu tagħlim mill-aqwa u mill-isbaħ fuq Marija Verġni; iħares lejha minn żewġ aspetti: ASPETT KRISTOLOĠIKU: jaraha ċioe' fir-rabtiet Tagħha ma' Ġesù Kristu, bħala l-Omm naturali Tiegħu u bħala s-sieħba speċjali Tiegħu fis-salvazzjoni tal-bnedmin kollha; u ASPETT EKKLEŻJOLOĠIKU: ċioe' jaraha fir-rabtiet Tagħha mal-Knisja: Marija hija l-Omm spiritwali tal-Ġisem Mistiku ta' Ġesù Kristu, ċioe' l-Omm spiritwali tal-bnedmin kollha, b'mod speċjali tal-fidili.**

**Dan it-tagħlim insibuh fil-Kapitlu 8, l-aħħar Kapitlu, tal-Kostituzzjoni Dommatika 'LUMEN GENTIUM', imxandra minn Pawlu VI, f'San Pietru, Ruma, fil-21 ta' Novembru, 1964.**

## Misteru Etern:

Alla minn dejjem ried li Ibnu l-Għażiż, il-Verb Etern, isir bniedem; verità din li San Pawl isejħilha **"il-misteru moħbi sa miż-żminijiet kollha"** (**Kolossin**: 1, 26), isejħilha wkoll **"is-sagrament moħbi sa minn dejjem f'Alla li ħalaq kollox"**. (**Efesin**: 3, 9) Ċertament Alla ried li dan Ibnu jsir bniedem perfett, u għalhekk ried ukoll dik il-Mara, li kellha tkun l-Omm ta' dan Ibnu, l-Omm li tagħmlu bniedem bħalna, jixbahna f'kollox barra mid-dnub (**Ara: Lhud**: 4, 15). Dan **'il-misteru'** u dan **'is-sagrament'** jiffurmaw il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni u l-misteru tar-Redenzjoni; għalhekk ikompli jgħidilna San Pawl: **"Meta waslet il-milja taż-żmien, bagħat Alla 'l Ibnu, li sar minn mara, imwieled taħt il-Liġi, biex jifdi 'l dawk li kienu taħt il-Liġi, biex ikollna l-adozzjoni"** (**Galatin**: 4, 4-5). U l-isem ta' din il-Mara nafuh, jgħarrafulna l-aqwa storiku tat-Testment il-Ġdid, Luqa, fl-isbaħ paġna tal-Vanġelu tiegħu: **"Fis-sitt xahar kien mibgħut l-anġlu Gabrijel minn għand Alla f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba mgħarrsa ma' raġel, jismu Ġużeppi minn dar David; u x-xebba kien jisimha Marija"**. (1, 26-27)

## Rabta Intima:

Ir-rabta li hemm bejn Marija u Ġesù Kristu hija rabta l-iżjed intima, għax hija r-rabta li hemm bejn l-Omm u l-Iben. Tassew, Marija hija l-Omm naturali, l-Omm fiżika ta' Ġesù Kristu: **"Ara, int sa titqal u tiled iben u ssemmih Ġesù"** (**Luqa**: 1, 31), aċċerta l-anġlu t'Alla lil Marija; waqt li Mattew fil-ġenealoġija ta' Ġesù jgħidilna: "Ktieb innisel ta' Ġesù Kristu, bin David, bin Abraham: Abraham wiled 'l Isakk; ...Ġakobb wiled 'il Ġużeppi, l-għarus ta' **Marija, li minnha twieled Ġesù, imsemmi Kristu"**. **(Mt** 1, 1-2. 16).

Dan l-Iben ta' Marija, Ġesù Kristu, huwa l-Iben ta' Alla; difatti l-anġlu jsejjaħlu "kbir, u jissemma Bin l-Ogħli" (Luqa: 1, 32); u għax dan l-Iben ta' Alla sa jkun ukoll veru bniedem, ċioe' sa jkun ukoll l-Iben ta' Marija, ikun jista' allura jieħu f'idejh is-saltna ta' David, ċioe' jkun il-Messija, kif l-anġlu stess kompla jgħid lil Marija: **"u jagħtih, il-Mulej, Alla, it-tron ta' David, missieru, u jsaltan fuq dar Ġakobb għal dejjem, u saltnatu ma jkollhiex tmiem"** (**Luqa**: 1, 33).

## Rabta Singulari:

Ir-rabta li hemm bejn Marija u Ġesù Kristu hija rabta waħdanija;

imkien ma nsibu waħda bħalha; għax tassew, l-ebda iben ma hu iben ommu daqskemm Ġesù Iben Ommu Marija; għax Ġesù huwa totalment **"il-frott tal-ġuf tagħha"** biss, kif Eliżabetta, imnebbħa minn Alla, sejħet lil Ġesù, waqt li fl-istess ħin bierket lil Ommu: **"Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott ta' ġufek".** (**Luqa**: 1, 42) Verament, Marija biex setgħet tnissel lil BinHa Ġesù ma ssieħbet ma' l-ebda bniedem, għax hija nisslet bil-virtù ta' l-Ispirtu s-Santu u bil-qawwa ta' Dak li huwa fil-għoli, kif kien aċċertaHa l-anġlu t'Alla: **"L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tgħattik, għalhekk dak li jitwieled minnek, qaddis, jissejjaħ Bin Alla"** (**Luqa**: 1, 35); l-anqas setgħet Marija tissieħeb ma' raġel, għax BinHa huwa Alla, u Alla ma jistax jiġi mnissel minn bniedem, imma minn Alla, bħalma nistqarru fil-Kredu: **"Alla minn Alla, dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru;** għalhekk l-anġlu Gabrijel kien aċċerta wkoll lil Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija; **"Ġużeppi, bin David, la tibżax tieħu għandek 'il Marija, għarusa tiegħek, għax dak li tnissel fiha hu mill-Ispirtu s-Santu". (Mt.** 1, 20) Ġesù daqskemm huwa l-Iben ta' Alla daqshekk ieħor huwa wkoll l-Iben ta' Marija; tat-Tnejn huwa l-Iben naturali, b'din id-differenza, li Ġesù huwa l-Iben naturali ta' Alla sa minn dejjem **'ante saecula genitus'**, u hu l-Iben naturali ta' Marija fil-milja taż-żmien **'in saeculo natus'**. Però, it-Tnejn, kemm Alla, il-Missier, u kemm Marija, l-Omm, jistgħu bil-jedd kollu jgħidulu lil Ġesù: **"Inti ibni; illum jien nissiltek".** (Salm: 2, 7).

## Rabta Universali:

Il-**'Lumen Gentium'** tal-Vatikan II tilmaħ din ir-rabta ta' Marija ma' BinHa Ġesù Kristu u taraha tinfirex tul iż-żminijiet kollha, mill-bidu nett ta' l-istorja tas-salvazzjoni sat-tieni miġja fostna ta' Ġesù Kristu bħala Imħallef u Re tal-



ġnus. Difatti nsibuhom flimkien lil Marija u lil Ġesù, u nsibuhom bħala l-Omm u bħala l-Iben, fl-ewwel u fl-aqwa profezija li għamel Alla mmedjatament wara d-dnub ta' Adam missierna: **"Jiena nqajjem għlieda ħarxa bejnek u bejn il-mara, bejn in-nisel tagħha u n-nisel tiegħek. U hu jisħaqlek rasek"** (**Ġenesi**: 3, 15); din it-theddida ta' qirda għamilha Alla stess lid-demonju u lil ħbiebu; din il-mara hija Marija Verġni, u n-nisel tagħha huwa prinċipalment Ġesù Kristu, u sekondarjament huma l-fidili. Din il-profezija. din il-wegħda nsibuha mtennija bi kliem ieħor u taħt għamliet oħra tul l-Antik Testment kollu. (**Ara: Is.** 7, 14; **Mikea**: 5, 2-3; **Matt.** 1, 22-23; **L.G.** n. 55). Din ir-rabta ssib is-sħuħija tagħha fl-Inkarnazzjoni, fit-taħbira ċioe' ta' l-anġlu lil Marija, hemm ġewwa Nazaret, meta l-anġlu Gabrijel assigura lil Marija li hija sejra ssir Omm il-Messija, Omm il-Feddej: **"Ara, int sa titqal u tiled iben u ssemmih Ġesù. Dan ikun kbir, u jissemma Bin l-Għoli,**

**u jagħtih il-Mulej, Alla, it-tron ta' David, missieru, u jsaltan fuq dar Ġakobb għal dejjem, u saltnatu ma jkollhiex tmiem".** (**Luqa**: 1, 31-33). U Marija, bil-libertà u l-ferħ ta' qalbHa twieġeb u tgħid: **"Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej; ikunli skond kelmtek"** (**Luqa**: 1, 38; **Ara**: **L.G.** n. 56). Tkompli din ir-rabta ta' Marija ma' BinHa Ġesù tissaħħaħ u tisbiħ kemm tul it-tfulija ta' Ġesù kif ukoll tul il-ħajja pubblika Tiegħu; permezz ta' Marija Ommu, seta' Ġesù jqaddes lil Ġovanni, li kien għadu fil-ġuf t'ommu Eliżabetta (**Ara**: **Luqa**: 1, 39-45); flimkien rawhom, lil Marija u lil Ġesù, ir-ragħajja hemm fil-maxtura ta' Betlem (**Ara**: **Luqa**: 2, 16-17), kif ukoll flimkien rawhom il-Maġi (**Ara**: **Matt.** 2, 11); u flimkien ukoll rahom ix-xwejjaħ profeta Xmun, u flimkien berikhom u kellemhom: **"Berikhom Xmun u qal lil Marija, ommu: Ara, dan ikun tiġrif u qawmien għal ħafna f'Israel, u għelm li jmeruh, u int is-sejf jinfidlek ruħek, biex jinkixfu l-ħsibijiet ta' ħafna qlub."** (**Luqa**: 2, 34-35) Hekk ukoll, ħdejn Ġesù BinHa, insibuha lil Marija fil-bidu u fit-tmiem tal-ħajja pubblika Tiegħu, ċioe' hemm fit-tieġ ta' Kana (**Ara**: **Ġov.** 2, 1-11) u fuq il-Kalvarju (**Ara**: **Ġov.** 19, 25-27); f'Kana Marija tgħaġġel twassal is-siegħa ta' BinHa, u fuq il-Kalvarju Ġesù stess jipproklamaHa bħala Omm il-mifdija. Kompliet ukoll din ir-rabta tikber u tissaħħaħ wara t-tlugħ ta' Ġesù s-Sema, permezz ta' l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu f'Jum Għid il-Ħamsin (**Ara**: **Atti**: 2, 1-4), fejn Marija saret uffiċċjalment Omm il-Knisja, Omm il-Ġisem Mistiku; saret ukoll ir-Reġina ta' l-Appostli u tal-Martri u tal-Konfessuri u tal-Verġni. Fl-aħħarnett, din ir-rabta ta' Marija ma' BinHa Ġesù sabet il-milja tagħha fit-Tlugħ Tagħha s-Sema bir-ruħ u l-ġisem; difatti, hawnhekk lemaħha Ġovanni ħaġa waħda ma' Ġesù: **"Deher sinjal kbir fis-sema: mara mdawwra bix-xemx u l-qamar taħt riġlejha, u fuq rasha kuruna ta' tnax il-kewkba"** (**Apokalissi**: 12: 1); hekk ukoll rawha l-anġli, u mistagħġba u ferħana bdew igħidu: **"Min hi din li tielgħa minn ġewwa d-deżert, kollha fwieħa, mgħejjuna mill-għażiż tagħha?"** (**Għanja tal-Għanjiet**: 8, 5).

## Rabta Integrali:

Il-'Lumen Gentium' lil din ir-rabta ta' Marija ma' Ġesù jaraha wkoll tħaddan l-effetti kollha tas-salvazzjoni. Marija, "il-qaddejja tal-Mulej" (**Luqa**: 1, 38), hija wkoll il-qaddejja tal-bnedmin; bħalma hija l-Omm naturali ta' Ġesù, hija wkoll l-Omm spiritwali tal-bnedmin; bħalma l-missjoni li kellha Marija dwar BinHa kienet missjoni materna, missjoni ta' vera Omm; hekk ukoll hija l-missjoni Tagħha dwar il-bnedmin, hija missjoni materna. NarawHa għalhekk lil Marija tgħin "fl-opra tas-Salvatur" (**L.G.** n. 61); tgħin lil BinHa **"fir-restawrazzjoni tal-ħajja soprannaturali tal-fidili"** (**L.Ġ.** n. 61); tgħin lil Ġesù fit-tkissib tal-grazzji spiritwali (**L.G.** n. 62), kif ukoll fit-twelid mill-ġdid u fil-formazzjoni tal-fidili (**L.G.** n. 63). Din il-kooperazzjoni ta' Marija hija bħala għajnuna materna fil-qasam tal-ħajja soprannaturali: mill-bidu tagħha sa l-iżvilupp u sal-maturità tagħha, ċioe' tibda mill-magħmudija u tintemm fil-glorja tas-Sema.

## L-Aqwa Qaddejja:

Qatt m'għandna ninsew li din il-ħidma materna ta' Marija ma tfixkilx u lanqas tnaqqas il-qawwa salvifika ta' Ġesù Kristu jew dik tas-Sagramenti (**Ara**: **L.G.** n. 62), għax din il-missjoni ta' Marija qatt ma għandna nifirduha mill-missjoni ta' Ġesù, BinHa: il-Feddej Waħdani u etern. Hawn m'għandniex żewġ medjaturi: Ġesù u Marija, imma għandna medjatur wieħed: Ġesù Kristu: **"Għax wieħed hu Alla u wieħed hu l-medjatur ta' Alla u l-bnedmin, Kristu Ġesù, bniedem hu wkoll, li ta lilu nnifsu bħala fidwa għal kulħadd"** (**1 Tim.** 2, 5); u Marija hija l-Omm ta' dan il-Medjatur; fil-qa-

sam tal-ħajja naturali kienet Marija li nisslitu u ġibitu fid-dinja u rabbietu u edukatu u kabbritu u għamlitu raġel perfett; pero' fil-qasam tal-ħajja soprannaturali, fil-qasam tal-grazzja kien Ġesù BinHa li nissilHa fil-grazzja, tant li ppreservaHa, ukoll fit-tnissil Tagħha, minn kull tebgħa ta' dnub; u Hu wkoll li rabbiHa u kabbarHa fil-grazzja u f'kull virtù. Marija hija l-kooperatriċi, l-istrument f'idejn BinHa Ġesù Kristu; hija totalment tiddependi minnU, għax hu l-kawża principali tal-grazzja, tal-qdusija; Marija hija **"is-sieħba ġeneruża mill-aktar eċċezzjonali u qaddejja umli tal-Mulej"** (**L.G.** n. 61).

Hawn huwa l-kobor kollu ta' Marija: f'din ir-rabta Tagħha ma' BinHa Ġesù Kristu: hija din rabta intima u sħiħa, rabta li rabatha Alla stess sa mill-eternità: għalhekk Marija, bħal BinHa, kienet minn dejjem fil-ħsieb ta' Alla l-Imbierek: **"ab aeterno ordinata"**. (**Prov.** 8, 23)!



***Ieqaf***

***u***

***Ahseb***

***Ftit***

Fil-Katidral ta' Lubekka hemm lapida antika li fi ftit kliem tiġbor tagħlim l-aktar importanti għal kull nisrani:

AQRAW X'FIHA:

"Hekk mar jitkellem Sidna Ġesù Kristu:

Intom issejħuli Sinjur u Sid u ma tobdunix.

Issejħuli Dawl u ma tarawnix.

Issejħuli Triq u ma tiġux għandi.

Issejħuli Ħajja u ma tixtiqunix.

Issejħuli Għaref u ma timxux warajja.

Issejħuli Sabiħ u ma tħobbunix.

Issejħuli Għani u ma titolbunix.

Issejħuli Etern u ma tfittxunix.

Issejħuli Ħanin u ma tafdawx fija.

Issejħuli Nobbli u ma sservunix.

Issejħuli Qawwi u ma tagħtunix unuri u ġieħ.

Issejħuli Ġust u ma tibżgħux minni.

"Mela jekk fl-aħħar nikkundannakom tagħtux tort Lili."

# MALTA MARJANA

## (2) ID-DEVOZZJONI TAL-MALTIN LEJN IL-MADONNA

KITBA: **DUN JOE BEZZINA**

**IS-SANTWARJU tal-Madonna ta' Pinu llum sar iċ-ċentru Marjan ta' dawn il-gżejjer. Ġrajjietu jiftehmu aħjar fid-dawl ta' l-istorja reliġjuża ta' Malta u Għawdex. Fl-ewwel artiklu f'din is-serje, flejna l-bidu tad-devozzjoni lejn il-Madonna f'Għawdex. Din id-darba nagħtu ħarsa lejn il-gżira ta' Malta; u nibdew billi nistħarrġu l-qedem ta' din id-devozzjoni.**

### Il-bidu tad-devozzjoni Marjana

Il-qima lejn Kristu, l-Iben t'Alla magħmul bniedem bdiet, nistgħu ngħidu, mat-Twelid tiegħu fis-sema. Mal-mixja tas-snin, bdiet ukoll devozzjoni lejn dik li kienet l-istrument ta' l-Inkarnazzjoni, il-Madonna. Fil-bidu, id-devozzjoni tidher biss 'l hawn u 'l hemm mingħajr wisq importanza, iżda fil-ħames seklu, l-ereżija ta' Nestorju tatha spinta 'l quddiem. Nestorju sar Patrijarka ta' Kostantinopli fis-sena 428. Billi ma setax jifhem kif kien possibbli li n-natura Divina ta' Kristu setgħet tingħaqad ma' dik Umana, għallem li Kristu kien żewġ persuni distinti magħqudin biss moralment, jiġifieri għal għajnejn min kien jarah. Allura, il-Madonna ma setgħetx tissejjaħ iktar omm Alla.

Il-Knejjes tal-Lvant xegħlu għal din l-offiża magħmula lill-Omm ta' Alla. Kienu bnewlha ġà diversi knejjes, biex bħalma għamlu qabel fuq l-oqbra tal-martri, ikabbru bi sħiħ il-qima lejha. Fl-431, l-Isqfijiet tal-Knisja ltaqgħu f'Efesu għat-Tielet Konċilju Ekumeniku biex, fost l-oħrajn, jiddefendu l-Maternità Divina. Kien proprju fil-Bażilika ta' Omm Alla f'dik il-Belt, li San Ċirillu ta' Alessandria ppriedka lill-Padri tal-Konċilju l-kobor ta' din l-omm, priedka li għadha sal-lum ikkunsidrata bħala l-aqwa paniġierku marjan ta' l-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu.

Wara dan il-Konċilju, li ddikjara li verament Marija hi Omm Alla, il-Knejjes dedikati lilha żdiedu bi sħiħ. Mal-bini tagħhom huma marbuta l-eqdem żewġ festi marjani. Il-qabar tal-Madonna kienu jaħsbu li kien qrib il-Ġetsemani, fit-triq li minn Ġerusalemm tieħu għal Betlem. Hawn inbniet Knisja li ġiet ikkonsagrata fil-15 ta' Awissu. F'din il-Knisja tad-**Dormitio**, jiġifieri **Ir-Raqda ta' Marija**, żviluppat il-festa ta' l-Assunta, li sas-seklu sebgħa saret festa ewlenija tal-Madonna.

F'Ġerusalemm ukoll inbniet Knisja lill-Madonna qrib l-hekk imsej-

ħa **Probatica Piscina.** Din kienet ikkonsagrata fit-8 ta' Settembru, u bil-mod twieldet fiha l-festa tan-Nativitá tal-Madonna.

It-tielet u r-raba' festa tal-Madonna bdew f'relazzjoni mal-Milied u huma wkoll marbuta ma' knejjes lilha ddedikati. Fil-25 ta' Marzu, bdiet il-festa tal-**Conceptio Christi,** il-Konċepiment ta' Kristu, magħrufa bħala l-Annunzjazzjoni. Fit-2 ta' Frar, bdiet il-festa ta' l-**Occursus Domini,** il-Manifestazzjoni tal-Mulej (lill-profeta Xmun), illum imsejħa l-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju. (1)

**Id-devozzjoni f'Malta**

Dawn l-erba' festi kbar tal-Madonna, li żviluppaw fil-Lvant bejn ir-raba' u s-sitt seklu, f'malajr xterdu lejn il-Punent, ibda mill-pajjiżi tal-Mediterran. Bla ebda dubju, din id-devozzjoni waslet ukoll Malta, li tinsab sewwa sew f'nofs dan il-baħar.

L-ewwel ħjiel tad-devozzjoni Marjana fost il-Maltin huma x-xbihat tal-Madonna li jingħad li huma ta' San Luqa, li jinsabu fis-Santwarju tal-Mellieħa u fil-Katidral ta' l-Imdina. Hemm oħra wkoll fil-Katidral ta' Għawdex. Bla dubju ta' xejn, dawn ix-xbihat huma mill-eqdem li għandna fil-gżira, (2) għalkemm l-attribuzzjoni tagħhom lil San Luqa ġejja biss mill-fatt li kien hu li tana l-aħjar tagħrif fuqha fil-Vanġelu tiegħu. (3).

L-aqwa fost dawn il-pitturi hi l-Madonna tal-Mellieħa. Id-devozzjoni tal-Maltin lejn din ix-xbiha, kif jixhdu l-Viżti Pastorali, kienet minn dejjem kbira ħafna. Fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Mikiel Balaguer li saret bejn l-1644 u l-1646, hemm imniżżel li din ix-xbiha tax-xbejba Mbierka ġiet impinġija fil-ħajt sa mis-sena 409. (4)

Ħjiel ieħor ta' devozzjoni Marjana qadima hi l-vġili ta' Santa Marija, li fil-Medju Evu u fi żminijiet eqreb lejna kienet tinżamm bi ħrara kbira mill-Maltin. Kif ukoll l-ogħti tal-ftajjar u l-inbid lill-foqra f'Jum l-Assunta. (5) Dawn id-drawwiet tnisslu minn ktieb apokrifa **De Transitu Beatae Mariae** (6) jew **Il-Mogħdija tal-Madonna** li sar popolari fl-aħħar tal-ħames seklu. Mhix ħaġa kbira li dan l-apokrifa, ktieb li jippretendi li hu ispirat meta mhux, kien anke l-kawża ta' din id-devozzjoni antika fostna. (7)

**Knejjes lill-Madonna**

Ma nafux meta u fejn inbniet l-ewwel Knisja f'Malta, u wisq inqas lil min kienet iddedikata. Nafu iżda fi żgur li l-Knisja ewlenija ta' Malta, il-Katidral ta' l-Imdina, kienet fi żmien il-qedem dedikata lil Marija Assunta. (8) Fi żminijiet imbegħda wkoll, il-Madonna tal-Mellieħa saret ċentru ta' pellegrinaġġi u aktarx li d-devoti ma damux ma bnew xi kappella madwar din ix-xbiha. (9) Il-pittura kważi medjevali fl-Abbatija tad-Dejr, f'Bir ir-Rieħbu, qrib il-Għnejna, ukoll tagħtik x'tifhem li kien hemm xi Maqdes dedikat lil Omm Alla. (10)

Fl-1436, l-Isqof ta' Malta, Senatore de Mello, wisq probabbli għamel Viżta Pastorali. Hekk jagħtik x'tifhem ir-**Rollo** jew lista ta' benefizji li ħallielna. (11) Lilna, din tinteressana minħabba l-Knejjes imsemmija. Barra l-Katidral u l-Birgu, jissemmew 10 parroċċi. Tlieta kienu dedikati lill-Madonna: tan-Naxxar u tal-Mellieħa lit-twelid tal-Verġni Marija; ta' Bir Miftuħ (qrib il-Gudja) lill-Assunta.

Fl-istess żmien, mis-46 kappella li kien hawn imxerrda ma' l-erbat irjieħ ta' Malta 22 kienu dedikati lill-Madonna:

11 lill-Assunzjoni tal-Madonna;
5 lit-Twelid tal-Madonna;
4 lill-Annunzjazzjoni tagħha;
2 lill-Viżitazzjoni lil Santa Elizabetta. (11)

Sadattant, is-sitwazzjoni soċjali-ekonomika tal-poplu Malti, wara t-taqlib tal-Medju Evu, bdiet tistejqen u titjieb. Anke jekk komplew il-miġjiet ta' sikwit tal-furbani qerrieda, li għal darba tnejn farrkulu f'mument dak li jkun ilu snin biex bena. Iżda l-poplu mġarrab, flok naqqas, iktar kabbar il-fidi tiegħu. U b'turija ta' qima lejn Omm Alla u omm il-bnedmin kollha, kompla jtella' ħafna knejjes lill-Madonna.

Għaddew kważi 140 sena. Fl-1575, saret il-Viżta Pastorali taħt magħrufa ta' Mons. Pietru Dusina, li ntbagħat minn Ruma apposta. Il-Viżitatur żar mhux inqas minn 428 bejn parroċċi, kappelli u knejjes żgħar. Xejn inqas minn 168, kważi 40 fil-mija, kienu dedikati lill-Madonna:

86 lill-Assunzjoni tal-Madonna,
22 lill-Annunzjazzjoni tagħha,
19 lit-Twelid tagħha,
11 lill-Viżitazzjoni lil Santa Eliżabetta.
1 lill-Kunċizzjoni, ,
1 lill-Purifikazzjoni tal-Madonna,
28 taħt diversi titli oħra. (12).

Id-devozzjoni li minn dejjem ħabbtet f'qalb il-Maltin lejn l-Omm tagħhom fis-sema ntweriet ukoll minn barra meta Alla pprovdielhom il-mezzi materjali, u bnewlha knejjes kemm felħu. U l-Madonna, nitkellmu ta' bnedmin, imma bnedmin mimlija fidi, urietna li tapprova din il-qima lejha, għaliex għoġobha tagħżel ukoll il-gżejjer tagħna, biex, bħal fi ftit pajjiżi oħra tad-dinja, issemmagħlna leħinha fil-kappella ċkejkna Ta' Pinu u tistedinna biex aktar inħobbuha.

## RIFERENZI:


1. Cf. JOSEF A. JUNGMANN, **The Early Liturgy to the time of Gregory the Great,** London 1972, 196-197.
2. Cf. ARTHUR BONNICI, **History of the Church in Malta,** I, Malta 1967, 23.
3. Cf. ALEXANDER BONNICI, **Il-Knisja ta' Żmien l-Appostli** (= Storja tal-Knisja 1), Malta 1969, 80-81.
4. Cf. Floriana, **A**(rchiepiscopal) **A**(rchives) **M**(alta), **Visitatio Pastoralis Balaguer,** 1644-1646, wara l-indiċi.
5. Cf. ACHILLE FERRIS, **Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo,** Malta 1866, 151-152.
6. Cf. MARIO RIGHETTI, **Manuale di Storia Liturgica,** II, Milano 1955, 242.
7. Cf. ARTHUR BONNICI, **ibid.,** 22.
8. Cf. A.A. CARUANA, **Mongrafia Critica della Cattedrale Apostolica di Malta,** Malta ??, 28.
9. Cf. FERRIS, **ibid.,** 522-525.
10. Cf. A.A. CARUANA, **Ancient Pagan Tombs and Christian Cemetries in the Islands of Malta,** Malta 1898, 125.
11. Cf. Valletta, **National Library of Malta,** ms. 721, 2, **Rollo.** Ukoll ARTHUR BONNICI, **Marija u Malta,** Malta 1949, 10.
12. **Ibid.,** 11. Ukoll Victoria, **Gozo Public Library,** ms. 244, **Visitatio Pastoralis P. Dusina,** passim.


---

Jaqbad minn paġna 51

bniedem iwarrab. Nazaret, li qatt ħadd ma kien ħaseb fiha, saret it-tokk tal-Kristjaneżmu. Ukoll l-istess kelma "Nsara" hija derivata mill-isem ta' Nazaret.

L-ewlenin Lhud-insara sa mill-bidu nett tagħhom għażlu u qimu dik id-dar li fiha kien inbeda l-misteru, tant li d-dar ta' Miriam saret l-ewwel sinagoga-knisja fejn il-Lhud-insara ta' Nazaret kienu jiltaqgħu jaqraw il-Kotba Mqaddsa u jaqsmu l-Ħobż. J'Alla aħna wkoll, bl-istess sens ta' fidi u għaqda fil-knejjes tagħna, ninġabru għall-qari ta' l-Iskrittura Mqaddsa u għall-Ewkaristija.



**PROGRAMM**

**TAL-FESTI SOLENNI**

**FL-OKKAŻJONI**

**TA' L-ANNIVERSARJU**

**TA' META MARIJA ASSUNTA**

**TKELLMET MIX-**

**XBIEHA MIRAKULUŻA**

**TAS-SANTWARJU TA' PINU**

**18 — 22 TA' ĠUNJU 1980.**

**L-ERBGĦA, 18 ta' ĠUNJU:** 8.00 p.m. Quddiesa għall-Benefatturi ħajjin u mejtin. Wara jsir korteo bil-flambu fuq iz-zuntier tal-Knisja, li fiħ jingħad ir-Rużarju.

**IL-ĦAMIS, 19 ta' ĠUNJU:** 5.30 p.m. Quddiesa u Ċelebrazzjoni Ewkaristika għas-Sorijiet kollha tad-Djoċesi minn Mons. Carmelo Bajada.
7.15 p.m. Għasar u Quddiesa Kantata.

**IL-ĠIMGĦA 20 ta' ĠUNJU:** Jum l-Anniversarju tal-Inkoronazzjoni.
6.00 p.m. Funzjoni għall-Morda mmexxija mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi.
7.15 p.m. Għasar u Quddiesa Kantata.

**IS-SIBT, 21 ta' ĠUNJU:** Lejlet id-Dehra:
6.00 p.m. Quddiesa Folk għaż-żgħażagħ mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi.
7.00 p.m. Translazzjoni bir-Relikwija tal-Madonna, Għasar Solenni u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**IL-ĦADD, 22 ta' ĠUNJU:** Jum id-DEHRA. 4.30, 5.15, 6.00, 7.30, 8.30, 9.00, 11.00 a.m. u 5.00 p.m. Quddies lett.
Fid-9.30 a.m. Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.
10.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni, Supplika, Te Deum, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
6.00 p.m. Quddiesa Solenni Konċelebrata mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, Te Deum. u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

# WARDA LIL MADONNA

KULL ABBONAMENT HUWA WARDA LIL MADONNA.
AKTAR ABBONAMENTI: AKTAR WARD LIL MADONNA.
L-ABBONAMENTI HUMA TURIJA TA' QIMA LIL MADONNA.



**Iġbor Abbonati**

**Għar-Rivista**

**"Madonna ta' Pinu"**

* XERRED DEJJEM L-ISTAMPA T-TAJBA
* ĦAJJAR LILL-OĦRAJN JAQRAW LETTERATURA MARJANA.

N.B. Tingħata tifkira tal-Madonna ta' Pinu lil min jibgħatilna aktar minn żewġ abbonamenti ġodda.

Ibgħat l-indirizzi ta' l-abbonati l-ġodda lil:

Amministratur,
"Madonna Ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu — Għawdex.



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hi magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal-merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mgħonija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar għolja tisboq b'mod kbir lill-kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madanakollu marbuta flimkien mar-razza ta'Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu)....għaliex ikkooperat bl-imħabba għat-twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Għal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bint tivveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium")*